**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2024**

**<u>Rikors guramentat nru : 222 /2011 AGV</u>**

**M C sive CC**

**VS**

**V M C**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors Guramentat ta' MC sive CC, li ppremettiet is-segwenti :-**

Billi l-kontendenti zzewgu fis-26 ta' Frar tas-sena 1983 (DOK A).

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minnhabba sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

Billi l-kontendenti ghandhom tlett itfal ikoll maggorenni ossija P, J u C.

Billi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f 'dan is-sens moghti mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja , (DOK B).

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-isteess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu ghaliha dik r-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffisata mill-istess Qorti sabiex il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici pagabbli mill-konvenut lill-

istess attrici martu fil-gimgha jew xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-konvenut.

4. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilita minn dina l-Qorti sabiex in vista, inter alia tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u data stabbilita minn din il-Qorti, bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati bil-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghti pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

7. Tordna illi d-dar taz-zwieg li hija propjeta' parafernali tal-attrici, tigi okkupata esklussivament mill-attrici.

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, kontra l-konvenut illi hu ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti :**

**Rat ir- Risposta mahlufa ta' VMC li bil-gurament eccepixxa s-segwenti:-**

1. Preliminarjament, jigi notat billi l-ligi tirrikjedi rikors mahluf u mhux li d-dikjarazzjoni guramentata tkun imfassla b' mod separat mir-rikors mahluf, u tghid ukoll li l-paragrafi tar-rikors mahluf ghandhom ikunu enumerati . Izda l-esponent m'huwiex ser jinsisti fuq dan.

2. Illi l-esponent jaqbel illi hemm disgwid matrimonjali, izda huwa dejjem ha hsieb il-htiegijiet tal-familja u kien jiddepozita s-salarju tieghu f' HSBC joint savings account, li minnu martu kienet tigbed il-flus li kien ikollha bzonn ghall-htiegijiet tal-familja, u dan mill-1983 sal-2007. It-tfaddil li kien jinqasam bejniethom u jitqieghed f 'zewg kontijiet individwali, wiehed tieghu u l-iehor taghha. Fis-sena 2007, wara Gunju martu bdiet tigbed il-flus li kien hemm fil-joint account fil-HSBC Bank Malta plc sakemm nixef. Imbaghad kull wiehed minnhom gibed nofs id-dividend. Mill-joint Savings Account ma' Bank of Valletta plc bejn Marzu 2010 u Mejju 2011 martu gibdet somom konsiderevoli, fir-rigward tal-flus mal-

APS Bank, fit-12 ta' Lulju 2010 martu gibdet nofs il-kapital mill-joint account u hu ma kellux triq ohra hlief li jigbed in-nofs l-iehor. Martu rrifjutat li taghtih sodisfazzjon fejn kienu spiccaw dawn il-flus minkejja li hu l-*breadwinner* tal-familja u dan wasslu sabiex jibda jiddepozita s-salarju tieghu fil-kont *Savings*.

3. Illi l-esponent gie mghajjar offiz u ingunt f 'daru stess. Tant hu hekk illi fin-Nota guramentata taghha ma ddejqax issejjah lil zewgha dittatur fost hafna ghajjat il-hin kollu martu assigurat ruhha mill-appogg tat-tlett itfal maggorenni taghhom fir-rigward tad-disgwid matrimonjali. Minkejja dak li qed jinghad kontra tieghu l-esponent ghajjex familja ta' hames persuni u avvanza fil-karriera tieghu billi baqa' jistudja u rnexxielu jikseb kwalifiki akkademici bil-hidma tieghu. L-attrici minkejja li tista tghix hajja normali bhal haddiehor, ma turi l-ebda interess li tohrog tahdem bi qliegh biex tghin lill-famija. Dan ghandu jirrizulta mill-Employment History taghha.

4. Illi rigward ir-relazzjonijiet ta‘ bejniethom dawn bdew jiddeterjoraw meta l-attrici bdiet taghti r-rih lit-tfal u thallihom jaghmlu li jridu anke f‘ affarijiet serji, bhal meta ibnu beda jigi id-dar oggetti li jiswew bhal BMX bicycle , zewg radio controlled models (wahda karozza u l-iehor ajruplan) scooter tal-aluminu , arlogg ta‘ Mdina Glass fil-frame u ma jghidx il-verita‘ dwar mnejn gew, b`mod li ma kienx eskluz li kienu misruqa. L-esponent fethilha ghajnejha diversi drabi li l-atteggjament taghha u tat-tfal lejh kien qed ikun ta‘ hsara kbira ghaz-zwieg taghhom. Meta mbaghad l-esponent ra illi l-isforzi kollha tieghu ma kienu qeghdin jiswew ghalxejn u t-tfal baqghu jinghataw the *upper hand* kompletement, l-esponent ittrasferixxa ruhu ghal go kamra ohra fl-istess dar wara li ra li l-kelma tieghu ma kienet ghadha tfisser xejn u li kienu qeghdin jinqalghu hafna argumenti bla bzonn. Meta mar f‘kamra ohra l-argumenti naqsu hafna

ghaliex ma baqghux isibu lilu fin-nofs. Meta waqt il-medjazzjoni sar suggeriment biex jitqabbad *family therapist* huma kollha riedu li l-ispiza jhallasha kollha hu.

5. Illi meta huwa beda jghix f'kamra ohra kien jixtri ghalih, issajjar ghalih u anke jahsel hwejjgu u dan minn Gunju 2005 sa Frar 2010 meta kellu access ghal refrigiratur, cooker u magna tal-hasil. Izda wara 24 ta' Frar 2010 martu u uliedu impedewh milli jkompli juza l-magna tal-hasil billi poggewlu hafna affarijiet ohra fuqha u ccirkolawhu b' hafna imbarazz biex b'vendikazzjoni huwa ma jkunx jista jahsel aktar hwejjgu biha. Issa qed ikollu jahsel il-hwejjeg tieghu b`idejh!

6. F' dik l-okkazzjoni meta l-esponent gie mtella' l-Qorti kien it-tifel C li cempel lill-pulizija biex jakkuza l- esponent avolja kien hemm l-ebda vjolenza u l-Magistrat meta gie quddiemu l-esponent mhux assistit minn avukat, avolja kif inghad ma kien hemm l-ebda vjolenza hareg *protection order* kontra tieghu ghal zmien tlett snin fuq alleggat fastidju. B`hekk gie pperikolat l-impjieg tieghu mal-gvern ghad-dannu tal-membri tal-familja kollha. Fil-fatt fin-Nota guramentata ta' pretensjonijiet tal-attrici, tghid ir- *,ragel kien ukoll wera' tracci ta' vjolenza fil-fatt kien imtella' l-Qorti fl-24 ta' Frar 2010 u nstab hati ta' vjolenza, fastidju u theddid lejn il-mara u t-tfal tieghu.* L-imputazzjonijiet kienu testawalment-

1. Bil-hsieb li tkisser jew li thassar il-gieh ta' martek MC weggajtha bi kliem, gesti , kitba jew b`disinji jew b`xi mod iehor.
2. Gibt ruhek b`mod li taghti fastidju lil martek M C meta kont taf jew messek kont taf li dan kien ta' fastidju ghal martek MC ,'

B`rizultat ta‘ din is-sentenza, jekk qabel kienet haga difficli li jitkellmu flimkien issa saret haga riskjuza ghalih. Issa wisq inqas jista‘ jkellimhom. Jekk jipprova jnehhi l-oggeti minn fuqu u madwaru il-magna tal-hasil, jargumentaw mieghu u jistghu jghidu li kiser il-protection order. Ghalhekk lanqas isir diskors bejniethom.

7. Illi bla pregedizzju ghall-premess huwa jichad li ghandu tort ghat-tkissir taz-zwieg minhabba li kkommetta sevizzi, eccessi u ingurji gravi “fid-dikjarazzjoni guramentata taghha , l-attrici ssemmi wkoll “minacci“ li l-esponent jikkontesta wkoll. Mhux hu kien il-hati tal-firda.“

8. Rigward it-tielet domanda gudizzjarja ghal-hlas ta‘ manteniment, l-esponent jeccepixxi illi d-domanda hija irritwali ghaliex ma jistghux isiru talbiet ghal eventawlitajiet jew possibiltajiet u billi l-attrici ghandha diversi depoziti bankarji fl-ishma, liema kontijiet jirrendulha l-imghaxijiet b`mod regolari u hija tghix komodament bihom. Tant hu hekk illi l-attrici stess tghid “ s-sitwazzjoni ilha hekk ghal hafna zmien.“ Kieku ma kellhiex introjtu bizzejjed mill-kontijiet bankarji ma kienetx tibqa‘ passiva u ma taghmel xejn ghal zmien twil. L-ghixien mis-*savings* illi kienu ghamlu bejnithom tul iz-zwieg huma mezz lecitu ta‘ kif ir-ragel jipprovdi ghall-bzonnijiet tal-attrici meta baqghet passiva kif spjegat hwn fuq. Inoltre’ l-esponent ghandu paga fissa u jiehu minnha skont ma jkollu bzonn. Mhux minnu li obbliga ruhu li jhallas €600 fix-xahar lil martu waqt il-medjazzjoni dan kien l-ammont li l-avukat ta l-attrici ried iggieghlu jibda jhallas, izda kif kien hemm fil-verbal il-medjazzjoni ma sehhitx. Legalment mhux accettabbli li l-attrici titlob manteniment issa biex ghalli jista’ jkun fil-futur tigi bzonn *carer* jew fil-futur zewgha jilghab il-flus jew jonfoqhom f`xi vizzju tkun koperta. Il-manteniment jinghata u jigi varjat

skont il-htiegijiet taz-zmien prezenti u mhux ta' zmien futur bl-incertezza kollha tieghu. Hija stess tammetti illi qatt ma hadet manteniment minn zewgha tul dawn is-snin.

9. Illi l-esponent jikkontesta kull addebitu ta' htija fir-rigward tat-talbiet kollha li tressqu mill-attrici. L-esponent qatt ma aggrediha u qatt ma kien vjolenti maghha. Jidher car illi l-ghan tal-attrici ,huwa li filwaqt li twaddbu 'l barra mid-dar matrimonjali tibqa tircievi l-manteniment minghandu.

10. Illi kemm-il darba l-komunjoni tal-akkwisti tkun ser tigi likwidata u diviza, m`hemmx ghalfejn jinhatar perit biex jaghmel il-likwidazzjoni peress li dan hu kompitu facli ghaliex m`hemmx hafna assi u in oltre l-pjan ta divizjoni jista' jigi suggerit mill-partijiet stess malli ssir il-prova tal-konsistenza tal-assi komprizi fil-komunjoni tal-akkwisti. Billi m`hemmx beni immobbli ohra hlief d-dar matrimonjali li hija parafernali tal-attrici, m`hemmx il-htiega ta' kuntratt ta' divizjoni u s-sentenza tkun sufficjenti biex tiddetermina l-pozizzjoni tal-kontendenti.

11. Illi l-esponent ser jisfa minghajr dar u ghalhekk ikun irid jaghmel l-arrangamenti necessarji biex ikollu fejn joqghod u dawn jinvolvu somma sostanzjali ta' flus. Barra minn hekk huwa ghandu jigi adegwatament ikkompensat ghax-xogholijiet li ghamel fid-dar matrimonjali li hija propjeta' parafernali tal-mara biss u cioe' estensjoni fuq wara tad-dar fuq zewg sulari kompriza kcina, shower, u toilet kif ukoll l-estensjoni tal-kamra tal-banju. Inbniet washroom gdida fuq il-bejt, li tlestiet bil-waterproofing, u bosta xoghlijiet ohra li jigu indikati f` aktar dettall waqt is-smiegh tal-provi.

12. Illi l-esponent jikkontesta l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-attrici, specjalment fejn l-attrici tipprova titfa' l-htija fuq l-esponent filwaqt li tpingi lilha nfisha bhala anglu tiggieled kontra l-hazen.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Novembru, 2015.[1]

Rat ir-Rapport Peritali tal-Perit Tekniku AIC Alan Saliba datata 20 ta' Frar, 2018.[2]

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1. L-attrici tghid li kienet iltaqghet mal-konvenut minn meta kienu ghadhom zghar u kienu jattendu l-Muzew flimkien. L-gherusija bdiet xi disa' snin wara u zzewwgu fis-26 ta' Frar, 1983. Tispjega li kellhom tieg differenti fejn iktar iffukaw fuq l-aspett sagramentali milli fuq l-affarijiet relatati mat-tieg.

[1] A fol. 1167
[2] A fol. 1382

Miz-zwieg kellhom tlett itfal u cirka tlett xhur wara li kellhom it-tifla kienet giet “diagnosed” b’multiple sclerosis.[3] Dak iz-zmien kien ghad ghandha 27 sena u llum li ghandha 52 sena tghid li b’xi mod irnexxielha tkampa u dan minhabba li kellha l-imhabba tar-ragel, minkejja li kien igerger u kien pessimist.

Kien ordnat hafna u kien perfezzjonist, pero’ kienet tiddejjaq minn certi attitudnijiet fil-karattru tieghu peress li ma kienx tip li jafda u kien biss interessat f’xogholu u kienu ghalhekk waqghu lura fix-xogholijiet tad-dar.

L-attrici tishaq li l-konvenut kien jaghmel drabi fejn ma jkellimix u ma kinitx tkun taf x’inhi r-raguni.

Tispjega ukoll li r-relazzjoni bejn il-konvenut u uliedu ma kinux mill-ahjar peress li kien distanti minnhom u anke kien paternalista u ma tantx kien ihallihom jitkellmu jew jesprimu l-opinjoni taghhom.

Minn meta kellu problemi minhabba l-wirt ta’ missieru u zmien wara mietet ommu, il-konvenut kien ikun anzjuz hafna u dak iz-zmien ukoll kien beda jaghmel diploma fl-Universita’ ta’ Malta u Masters f’Leicester. It-tabib fil-fatt kien ordna lill-konvenut sabiex jiehu xi pilloli tal-ansjeta’ u kien ha ftit minnhom, izda ma komplihomx.[4]

Tkompli tispjega li l-inkwiet taghhom zdied meta spiccat migugha b’daharha u kellha tibqa’ fis-sodda u dan kien ghall-habta ta’ Gunju, 2005. Tul dan il-perjodu, il-konvenut kien ighajjat hafna mat-tfal minhabba li kien isostni li kien hemm nuqqas ta’ kooperazzjoni da parti taghhom.

[3] Doks. A sa E annessi mal-affidavit tal-attrici.
[4] Dok. P anness mal-affidavit tal-attrici.

Meta ma felhitx izjed, l-attrici kienet insulentatu li l-istudji tieghi kien hadhom minn halq uliedu u minn dakinhar il-konvenut kien beda ma jorqodx fil-kamra tas-sodda taghha u ma regax mar lura. Dan kien ghall-habta tal-1 ta' Lulju, 2005. In kontro-ezami tghid li meta qalet hekk ma kienx bl-intendiment li jitlaq ghal dejjem mill-kamra.

L-attrici tkompli tispjega li l-konvenut kien sar ossessjonat li jitfi kollox u peress li kien iddecieda li ma jitkellimx maghhom izjed kien beda jhalli n-noti kullimkien bhala mezz ta' komunikazzjoni.[5]

Meta l-konvenut gibed xi Lm6,000 mill-kont kongunt li kellhom u peress li bezghat li kien ser ihalliha bla flus, kienet gibet il-flus ukoll u ghalkemm insistiet mieghu sabiex ipoggi lura dawn il-flus beda jheddidha.

Dan kompla b'hafna theddid u kien jakkuzaha li kienet konfoffa mat-tfal. Kien beda jhalliha minghajr manteniment.

Tikkonferma li fit-2 ta' Lulju, 2009 kienu bdew bil-proceduri ta' medjazzjoni izda din ma rnexxietx ghax il-konvenut baqa' jzomm iebes. Fit-8 ta' Lulju, 2009, kien miet missierha li halliehla d-dar, 299 Fleur-De-Lys, B'Kara[6] li llum hija d-dar matrimonjali taghhom. Tispjega li kienu ghamlu kuntratt ghal 21 sena mill-1 ta' Frar, 1982 u kienu jhallsu Lm15 subcens kull tlett xhur.[7] Meta ghalaq ic-cens missierha ma riedhomx ihallsu u hallihom ighixu bonarjament fid-dar. Tghid li l-konvenut ma hallasx manteniment u halla d-dar tiddeterjorha u tammetti li m'ghandhiex il-flus sabiex tirrangaha.

[5] Doks. Q 0- Dok. R anness mal-affidavit tal-attrici.
[6] Dok. V – Dok.
[7] Doks. Z-Z2 anness mal-affidavit tal-attrici.

In kontro-ezami tikkonfrema li kienet binthom li cemplet lill-pulizija u dan wara l-glieda li kellhom minhabba li l-konvenut kien tefa' l-gyzer. Fl-4 ta' Awissu, 2009 rega' inqala' l-inkwiet u kellhom jintervjenu l-pulizija u hargu citazzjoni fil-konfront tal-konvenut u fl-24 ta' Frar, 2010 sabuh hati ta' vjolenza, fastidju u theddid.[8] Il-glieda kienet minhabba l-uzu tat-telefon mat-tfal u kien jippretendi li t-tfal ihallsu l-kontijiet jekk riedu jaghmlu uzu tieghu. Minn dakinhar tghid li l-konvenut inghalaq go kamra u ma kkomunikax maghha izjed.

Wara dan tghid li ghamlet xi ricerka minn fejn irrizultalha li l-konvenut kien ittrasferixxa xi dividends tal-Go go kont tieghu u dan meta kienu *joint* u seta' ghamel hekk b'xi investimenti li kellhom.

Fl-affidavit ulterjuri taghha l-attrici ttenni li minhabba l-proceduri l-Qorti sahhitha marret lura immens. Fuq kollox tghid li qed tghix go ambjent mizerabbli, ghaliex apparti li l-konvenut ghadu jghix fid-dar, il-manutenzjoni qatt ma ssir, il-washing machine mhux funzjonabbli u fil-kcina hemm wisq affarijiet li prattikament lanqas ma tista' tintuza. Izid tghid li minhabba f'hekk iz-zewgt uliedha l-kbar kienu telqu mid-dar u marru jghixu ghar-rashom.

Dwar id-dhul mensili taghha l-attrici kkonfermat li tircievi €86.08 minn investimenti li ghandha f'isimha, kif ukoll €69.68 kera kull sena minn dar parafernali 308, Fleur-De-Lys Road, B'Kara, u €37.38 kull sena minn fond parafernali 8, Msida Str, B'kara.[9]

[8] Dok. Z 3 anness mal-affidavit tal-attrici.
[9] Doks. MCC 3A a fol. 732 tal-process

In kontro-ezami, l-attrici tammetti li l-konvenut kien refa’ idejh fuq it-tfal u kien hemm istanzi fejn kien rabbathom. Lilha kien ibezzaghha.

Kien ighajjat hafna, anzi b’mod esagerat u kien anke jaharqilhom subghajhom bis-sufarini. Tikkonferma li qatt ma hadithom ghand tabib ghax kienet tiehu hsieb hi. Tinnega li l-ghajjat kien minhabba n-nuqqas ta’ kooperazzjoni mit-tfal u n-nuqqas ta’ appogg da parti taghha. Ma kienet titkellem ma hadd fuq dina l-kwistjoni, lanqas mal-familjari taghha u sahansitra meta kienu jkunu fil-bitha lanqas kien ihallihom jitkellmu mal-familjari taghhom li joqoghodu magenbhom.

Dwar id-dar matrimonjali taqbel li fiz-zwieg kienu saru xi xogholijiet minnu u mit-tfal u tammetti li ghalkemm kienet taqbel mieghu, ma jfissirx li kienet accettathom. Ghaliha setghu rrangaw il-post fil-bidu u zebghuh u kien ikun lest. Qabel iz-zwieg tghid li l-konvenut tela’ l-kmamar u kien hemm l-intiza li jahdem fil-post kull nhar ta’ sibt, izda ma sar xejn minn dan.

Kien bena parti mill-kcina, tella’ toilet u shower. Wara z-zwieg baqa’ tiela’ fit-tieni sular u bena kamra ohra fuq il-bejt.

Tinnega li kellha intenzjoni li tkecci lill-konvenut mid-dar, izda meta bdiet procedure tal-medjazzjoni ma kellhiex alternattiva ghax kienet ghajjiet. Tghid li l-konvenut kien hareg cirka Lm7000 mill-kont kongunt li kellhom u hi gibdet Lm6000 u ftit kien fadal flus u bdiet tghix minn hemm, izda fl-istess waqt il-konvenut ma kienx qed jiddeposita l-flus u dan ikkrea problema ghaliha,

Tammetti li kienet marret hadet parir minghand avukat li kien irrakkomanda li tibda bil-proceduri ta' separazzjoni, izda minkejja dan iddecidiet li ma tmexxix mill-ewwel, ghax fejn sethet riedet tipprova ssalva z-zwieg. Fil-fatt kienet hadet il-passi fl-2009 u meta ma wasslux bil-medjazzjoni kienet fethet il-proceduri ta' separazzjoni.

In kontro-ezami kkonfermat ukoll li l-konvenut kien qallha li kien gibed dawn il-flus ghaliex kienu wirt u ried jinvestihom. Meta ddecidiet li terga' tpoggi lura fil-kont il-flejjes li kienet hadet ma hallijix u beda jheddidha.

L-attrici ssemmi ukoll li minhabba l-incident fejn tifel miet fl-iskola fejn il-konvenut kien ghalliem, kif ukoll il-problema tal-wirt ta' missier il-konvenut, kollha wasslu sabiex ikollu problemi u hafna *stress*. Tichad li abbandunatu, anzi dejjem kienet ta' sapport ghalih u kienet haditu ghand it-tabib li kienn tah xi kalmanti, li ha ghall-perjodu qasir u ma regax hadhom.

Tikkonferma li uliedhom illum huma lkoll stabbiliti, izda in kontro-ezami tichad li dan kien minhabba li missierhom kien jappogjahhom fl-istudji taghhom u jkomplu fuq livell terzjarju, minkejja dan tghid li kien kuntent li marru l-universita'. Il-konvenut kien wieghdhom li ser ighinhom u qatt ma ghamel hekk.

2. **Il-konvenut** jattribwixxi hafna mill-problemi li kellhom fiz-zwieg minhabba li kien ihoss li l-posizzjoni tieghu ta' ragel tal-attrici u missier uliedu kienet qed tkun kontinwament imminata u mzebilha b'diversi atti. Skond hu l-attrici ma kinitx qed tikkoreggi jew twiddeb lit-tfal fuq certi azzjonijiet u atteggjamenti taghhom u lanqas ma kienet

tappoggjah. Ighid li kien beda jissusspetta li t-tifel kellu x'jaqsam mad-droga. L-attrici qalet li kienet ser titkellem mat-tifel, izda qatt ma kienet qaltlu minn fejn kien gabhom dawn l-affariijiet.

Dwar il-kompjuter jikkonferma li kien xtralhom il-kompjuter hu bl-intendiment li uliedu jhallsuh lura minhabba l-istipendju li kellhom, izda hallihom fil-liberta' li jhallsu meta jridu u r-rifuzjoni qatt ma saret.

Minhabba f'hekk ma setax jiffunzjona iktar ta' genitur responsabbli u ddecieda li jabita fil-kamra tal-gallarija fid-dar u jhalli l-membri l-ohra tal-familja jfendu kif iridu huma. B'hekk kull membru kien liberu li jwettaq dak kollu li ried bla ebda xkiel ghalihom ghaliex l-attrici kien irnexxielha tnawwar u ggib fix-xejn il-fiducja ta' bejnha u bejn il-konvenut quddiem uliedhom stess.

Izid ighid ukoll li kien evidenti li hu u l-attrici ma kinux jaraw ghajn b'ghajn izjed fuq kwistjonijiet decizivi ta' kif jimxu l-affarijiet fil-familja, b'decizjonijiet arbitrarjament mehuda mill-attrici u meta lanqas kien ikun jaf x'inhu jigri. Ghalhekk ighid meta l-attrici ssostni li l-konvenut kien heba x-xoghol tieghu minnha, kien fi zmien meta ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom.

Jikkonferma li kien qed ihalli xi noti madwar id-dar u dan sabiex jittiehdu xi azzjonijiet jew li jitnehhew hwejjeg li mhux tieghu. Id-dizgwid kien kontinwu u dan minhabba li l-attrici hadet in-naha tat-tfal u ghalhekk ghazel li ma jiffaccax l-attrici izjed.

Jinnega li kien wettaq xi forma ta' vjolenza domestika fuq l-attrici jew fuq il-familja tieghu.

In kontro-ezami jikkonferma li kien jaf li l-attrici tbati minn *multiple sclerosis* u li kellha problema fit-*thyroid.*

Dwar id-dar matrimonjali, ighid li din giet f'idejhom b'cens ta' 21 sena minghand l-ahwa L, J u JO ahwa A wara li d-dar ittiehdet lura mill-Housing Department, bil-patt li l-partijiet kellhom jidhlu fiz-zwieg fi zmien sitt xhur. Kienet saret talba ghall-estensjoni ta' sitt xhur ohra u saret sabiex ikun hemm zmien jaghmlu x-xogholijiet fid-dar peress li kienet ghamlet zmien abbandunata. Kienet ghazla tal-attrici li tidhol id-dar fl-istat li kienet, imbaghad ma kinitx kuntenta b'dak li kien hemm peress li hasset li kien ta' xkiel u piz.

Ikompli jghid li wara 21 sena cens il-post sar b'kera bl-istess ammont li kien jithallas cens u dan bi ftehim verbali mal-uniku sid li kien ghad fadal li kien missier l-attrici. Ipprezenta l-pjanta originali tad-dar kif kienet.[10]

3. **J C** , bint il-partijiet tiddeskrivi lid-dar taghha bhala wahda mhux normali u kkumparata ma' maqjel. Tghid li ma kienx hemm sens ta' organizzazzjoni gewwa darhom u kellhom l-affarijiet personali taghhom jigru ma' kullimkien.

Tghid li z-zmien li ommha kellha problema bix-xatka u kellha toqghod fis-**sodda, kien zmien ta' hafna *stress* ghalihom, ghaliex missierhom kien qed ilesti t-tezi u kellhu jiehu hsieb lill-familja peress li l-attrici kienet mitfugha fis-sodda. Kien jiggieled hafna mat-tfal u kien anke jghajjat maghhom. Kien sahansitra kecca lill-minuri C mid-dar u dan mar ighix ma' nanntu li kienet toqghod bieb ma' bieb maghhom.**

[10] Dok. E pjanta originali tad-dar.

Tispjega li sa dak iz-zmien qatt ma kienet rat lill-genituri taghhom jiggieldu u meta kien beda jigri ta' sikwit kienet tibza. Missierha anke beda jorqod f'kamra ohra u tikkonferma li l-attrici kienet tinkwieta hafna ghalih. Kienet tipprova tkellmu bil-kwiet, izda kien juriha li ma riedx jaf biha izjed.

Wara dan iz-zmien, tghid li beda zmien ta' terrur kbir. Il-konvenut izola ruhu mill-familja kollha u beda ma jhallihomx juzaw id-dawl, jaqtghalhom l-internet u jhallilhom in-noti biex ma jmissux l-affarijiet fid-dar. Kien beda jitfi l-gyzer u jippretendi li ghandhom jinhaslu bl-ilma kiesah fix-Xitwa. Il-glied kien sar kostanti u s-sitwazzjoni kienet saret intollerabbli u bint il-partijiet, wara li semmiet diversi incidenti, tametti li meta ma felhitx izjed kienet cemplet lill-pulizija waqt li kien hemm ghal darb'ohra glieda d-dar u marret tghix ghand l-gharus taghha.

Maghha in partikolari tghid li kien jiggieled hafna u dan minhabba li kienet tisfidah.

Tishaq li bhala familja ghexu fil-faqar u missierhom ma kienx ighaddi flus lill-ommhom ghax-xiri. Kienet anke damet bl-istess baskett tal-iskola ghal snin shah, u lanqas qatt ma kienu jghinu finanzjarjament u jtuha xi pocket money, tant li shabha tal-iskola kienet jidhku biha u anke jghajjruha qammiela.

Dwar l-attrici tghid li dejjem sostnietha mentalment u jekk ma kienx ghaliha ma kinitx tasal fejn waslet illum. Tammetti li kellha rabja kbira ghall-missierha peress li kien jippreferi jinvesti l-flus milli jiehu hsieb li jkollhom l-bzonnijiet necessarji taghhom.

Issemmi ukoll li l-konvenut kien sawwatha bil-lasta tal-ixkupa peress li ghamlet xenata peress li riedet tara l-*cartoons* u dan peress li kellhom biss televixin wiehed u l-iehor fil-kamra tas-sodda tal-genituri taghha ma kienx ihallihom juzawh biex ma jahlux dawl.

Tghid ukoll li l-konvenut kellu fissazzjoni li ma setghux juzaw il-kamra ta' banju ta' fuq biex ma juzawx dawl bil-lejl u jekk kien ifettlilhom juzawh kien jaghmel xenata.

Tispjega li l-attrici kienet baqghet thobb lill-konvenut u kienet dejjem tiehu parir minghand il-qraba, fejn kien hemm anke sorijiet u qassisin, biex tara kif setghet isalva z-zwieg. Izda ma kellhiex alternattiva meta l-konvenut beda ma jitihix paga. Spiccat li bdiet bil-proceduri ta' medjazzjoni, fejn fost ohrajn, gie propost li jattendu ghall-*family therapy*, izda dan lanqas beda peress li l-konvenut tah x'jifhem li ma setax jahtiha garanzija li ser imur lura maghha.

Izzid tghid li kellhom problemi ukoll bit-telephone. Il-konvenut kien jiccekkja l-kont bicca bicca u kien igieghlha thallas ghal kull telefonata li tkun ghamlet. Waqt il-medjazzjoni kienu ddecidew li jaqtghu l-linja telefonika u l-attrici dahlet Easyline, izda ma hadmitx ghaliha u ghalhekk minhabba l-istudji taghha kellha bzonn l-internet u kien ghalhekk li dahlet linja ghaliha u Sistema tal-internet u kienet thallashom hi u ghadhom thallashom sal-gurnata ta' llum.

Lanqas qatt ma xtralhom kompjuter u kien huh li kellu jixtri wiehed. Ma kellhomx kcina suret in-nies u lanqas washing machine, tant li kienet tiehu l-hwejjeg taghha sabiex tahsilhom ghand l-gharus taghha. Lanqas m'ghandhom gwardarobbi u lanqas televizjoni, kif ukoll ma kien jaghmel xejn fid-dar li spiccat fi stat inabitabbli.

Ittenni li qatt ma kienu jaghmlu affarijiet flimkien bhala familja, lanqas quddies ma kienu jmorru flimkien, ghax kienu jmorru m'ommhom. Tghid li l-konvenut kien iffissat fl-istudju biss, filwaqt li dejjem kien hemm ommhom sabiex tissapportjahom.

Minkejja dan l-atteggjament tal-konvenut, l-attrici dejjem kienet taqbez ghalih u tiggustifikah u dan meta kienet konsapevoli tal-mod kif kien jittrattaha u kif kien jittratta lilhom. Kien jakkuzaha li kienet dejjem taqbez ghat-tfal u kienet twaqqalu kelmtu. Thoss ghall-attrici peress li l-attitudni tal-konvenut wassal sabiex tmur lura f'sahhitha.

Tispjega ukoll li missierha ma kienx ighin bl-ebda mod fil-faccendi d-dar u kien jippretendi li ghandhom jahslu l-pjatti barra fi fliskatur fil-gnien bl-ilma kiesah biex ma jahlux dawl.

Fil-medjazzjoni kienu ftehmu li hi u huha P, ghandhom jikkontribwixxu lejn l-kontijiet tad-dawl, izda kemm hi u huha rrifjutaw.

Issemmi incident iehor, fejn sfidat lil missierha peress li kien dejjem jittratta lill-attrici hazin, partikolarment meta kien isibha wahedha. Kienu spiccaw li kellhom jintervjenu l-pulizija u ttiehdu proceduri kriminali kontrih u kien spicca nstab hati. Minn dakinhar il-konvenut ma baqax jikkomunika maghhom u kienu iktar kuntenti. Tghid li ma kienx jisthoqqilhom dan it-trattament ghaliex kienu tfal suret in-nies, izda l-konvenut kien igib ruhu sew u jkun edukat ma' nies ohra.

4. **CC** , bin il-partijiet jixhed dwar l-infelicita' fit-trobbija tieghu u kif missieru kien stramb u jaghmel zmien twil ma jkellimhomx u kemm hu kif ukoll l-attrici kienu jahbulhom u kienu tip ta' nies li ma tafx fejn qiedgha maghhom. Ighid li kienu tip ta' persuni li kienu jippreferu

jinvestu l-flus, meta mbaghad ma kellhomx darhom suret in-nies bhal hbiebhom.

Meta kellu xi tlettax-il sena kien l-iktar li beda l-inkwiet bejn il-genituri tieghu u dan kien meta l-attrici kellha tibqa’ fis-sodda minhabba li t-tabib kien qal li kellha x-xatika. Ighid li l-konvenut kien beda ighajjat hafna maghhom u kienu jiggieldu hafna. Kien ighajjarhom minhabba l-kontijiet tad-dar u jammetti li kienu jghixu taht terrur kontinwu.

Jikkonferma li kien hemm incident fejn ohtu J, kienet intervjeniet bejn il-genituri taghhom sabiex twaqqaf glied u kien hedded lil missieru li kien sejjer igib il-pulizija. Fil-fatt, missieru kien mar l-ghassa hu stess. Il-pulizija kienu hargu citazzjoni kontra l-konvenut u peress li kien instab hati, kien rega’ nqala’ l-inkwiet.

Ghall-attrici jghid li hi mara kwieta u qatt ma kienet taqla’ inkwiet. Baqghet tbati peress li l-konvenut lanqas kien qed ighaddilha flus u kienet qaltlu li qed tuza l-flus li kien hemm fil-*joint account*.

5. **PC** bin il-partijiet jispjega li ma kellux trobbija idejali u kien taht l-impressjoni li finanzjarjament ma kinux tajjeb, izda meta beda jikber kien induna li missieru dejjem kellu impjieg u dejjem kien jaqla paga tajba.

Ighid li d-dar taghhom kienet mitluqa u bil-kemm kienu johorgu. Kienu jikru d-dar minghand missier l-attrici u mbaghad maz-zmien iddecidew li jibdew jirrangaw id-dar hu u hutu u dan anke jekk missierhom kien jopponi u ma japprovax ix-xogholijiet.

Dwar l-attrici jghid li f' certu zmien bdiet tbati minn *multiple sclerosis* u l-konvenut qatt ma sostniha, anzi kienet issostnihom hi u kienet dejjem tirraguna maghhom.

Dwar il-konvenut ighid li kien bniedem kwiet u biezel u dejjem jistudja, tant li qatt ma kien ikun prezenti maghhom. Hafna nies kienu iqisuh bhala gentilom, izda hu qatt ma kien jaf fejn qieghed mieghu,

Jikkonferma l-incident li sehh f'Awissu, 2005 fejn kien iggieled ma' missieru minhabba li kien jippretendi li jaghmlu l-faccendi kollha meta l-attrici kienet f'qiegh ta' sodda. L-attrici kienet qaltlu biex jiffoka fuq it-tezi tieghu u jhalli lil uliedu fil-kwiet u minn dakinhar kien spicca ghad f'kamra ghalih u kien qal lill-attrici li ma riedx jaf izjed biha.

Ippruvaw ikellmuh u meta ma bediex jitfa' l-flus fil-kont kongunt, l-attrici ma kellhiex ghazla izda tibda bil-proceduri ta' medjazzjoni. Kien l-incident li sehh fil-15 ta' Dicembru, 2008, minhabba l-glied li kien inqala' minhabba li l-konvenut kien jitfi l-*gyzer*. Ohtu ma felhitx izjed u kien hawn li ddecidiet li ccempel lill-pulizija li kienu wissew lill-konvenut.

Jispjega li dak li kien wassal sabiex l-attrici tibda l-proceduri definittivament kien wara li kien rega' sehh argument bejnu u missieru u dan meta l-konvenut kien qed jippretendi li ghandhom jikkontribwixxu lejn l-ispejjes tal-kontijiet u huma rrifjutaw. Dakinhar il-pulizija ddecidew li jharrkuh u ghamel plejtu shih ghax iddecieda li kienu hammgulu l-kondotta.

Is-separazzjoni qiedgha bbazata sabiex il-konvenut ihallas manteniment lill-attrici u li gieghel lill-attrici u lil uliedu jbatu minhabba l-agir tieghu.

6. **T A**, oht l-attrici tghid li dak iz-zmien kienu joqoghodu bieb ma’ bieb mal-partijiet. Tispjega li wara z-zwieg, l-attrici kienet inbidlet u ma kienet tghidilhom xejn u anke jekk ghamlet zmien fis-sodda ma kinux ikunu jafu. Anke t-tfal ma kinitx tehodhom.

Tammetti li kienet u ghadha tinkwieta ghalihom u dan meta kienet tkun qed tonxor u l-attrici u uliedha kienu jaghmlu ta’ bir-ruhhom li ma rawhiex. Tghid ukoll li kienet isib skuza li meta tkun hierga tixtri kienet tghaddi ssaqsihom jekk kellhomx bzonn xi haga.

Tispjega ukoll li ghal bidu l-partijiet kienu jattendu l-attivitajiet tal-familja li kienu jorganizzaw, izda kien wasal zmien, fejn il-konvenut ma kienx baqa’ jattendi, kif ukoll l-attrici kienet issib skuzi sabiex ma tattendix. Kienet iltaqghet ma’ habiba taghha li kienet accennat li r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet ma kinitx mixja sew.

Kien f’Mother’s Day fejn wara li l-partijiet ma marrux ghandhom kienet ikkonfronatat lill-attrici u staqsietha dwar ir-relazzjoni taghha mal-konvenut, fejn ammettiet li kien hemm problemi u li l-konvenut kien qed jorqod separatament u spjegat id-dizgwid bejniethom.

Tikkonferma li l-attrici ghamlet hilitha sabiex jirrikonciljaw u kienet anke talbet l-ghajnuna.

Tinsisti li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn kienet semghet l-ghajjat u storbu u ftit wara waslu l-pulizija. Kienet innutat ukoll li tul dawn is-snin, l-attrici kienet naqset sew fil-piz.

7. **PA** , hu l-attrici jikkonferma li ghall-bidu l-partijiet kienu jippartecipaw fl-attivitajiet familjari li kienu jorganizzaw, izda mbaghad kienu prattikament sparixxew. Kien induna li ohtu kienet irqaqet hafna u kienet tidher li sejra lura f' sahhitha u kien hawn li beda jissusspetta li seta' kellhom problemi bejniethom.

Izid ighid li meta kien hemm missierhom l-isptar iktar seta' jikkonferma dan, meta l-partijiet ma kinux imorru flimkien sabiex jarawh u jekk kienu jinsertaw hemm flimkien, il-konvenut lanqas kien jindirizza lill-attrici.

Ohtu kienet ammettiet mieghu li kellhom problemi. Tikkonferma ukoll li kienet semghet ghajjat u glied u anke kienet rat il-pulizija wara l-bieb tal-partijiet.

8. **CG , t**ghid li kienet taf lill-attrici bejn l-1970 u 1974, meta kienu jattendu l-istess skola u mbaghad regghu iltaqghu fl-2008, f'attivita' tal-ghaqda volontarja li kienu jifformaw parti taghha. Kien wara li ghamlet intervent f'konferenza dwar is-sahha mentali, kienet avvicinatha l-attrici dwar problema li kellha li xtaqet tkellimha fuqha.

Tghid ukoll li kemm il-darba, l-attrici tkellmet maghha dwar l-imgieba tal-konvenut fil-konfront taghha u ta' uliedha u li kien qata' kull kuntatt intimu, emozzjonali u kien anke naqas li jhallas manteniment lill-attrici.

Tikkonferma li l-attrici ghaddejja minn perjodu hazin u minkejja li tixtieq li s-sitwazzjoni tkun ahjar, il-konvenut m'accetta l-ebda medjazzjoni. L-agir tal-konvenut iktar kien qed jikkrea tensjoni emozzjonali u anke finanzjarja fuq il-familja. Minhabba dawn ic-cirkostanzi, l-attrici kellha tirrikorri titlob l-ghajnuna tal-Qorti.

In kontro-ezami tghid li qatt ma rega’ kellha kuntatt mal-attrici wara dawn is-sezzjonijiet. Il-grupp spicca bejn l-2009 u 2010. Izid tghid li minhabba l-kundizzjoni tal-MS tal-attrici tmur ghall-aghar meta l-attrici tkun qed tbati minn stress qawwi.

9. JA, oht l-attrici tispjega li ohtha hija mara ezemplari u li dejjem iddedikat ruhha ghall-familja. Qatt ma kompliet tistudja u lanqas qatt ma marret tahdem. Kienet anke dejjem issapportjajt lill-konvenut li kien ghall-kuntrarju mohhu biex jistudja u kien assenti hafna f’hajjithom. Kien anke mar *scholarship* ta’ disa’ xhur il-Gappun bla ma nkwieta li ser ihalli lill-familja warajh.

Sadanittant, tikkonferma li l-konvenut lanqas kien jaghti kaz id-dar u kien halliha fi stat fejn kien hemm bzonn li jsiru hafna xogholijiet. Kien bniedem xhih u ma kienx ihobb jonfoq fuq il-familja.

Kienet bdiet tinduna xi sitt snin ilu li l-attrici bdiet tonqos mill-piz u kienet fethet qalbha maghha li kellha problemi mal-konvenut, li kien qed jorqod ghar-rasu u ma riedx ikun jaf biha. Kien anke qallha li ma kienx ghadu jhobbha u li kien tilef il-fiducja fiha. Kien anke jghajjat u jkun *aggressive* maghhom.

Kien anke beda ma jpoggix flus fil-kont kongunt li kellhom u dan wassal sabiex kellhom problemi finanzjarji. Tkompli tghid li l-konvenut huwa bniedem rasu iebsa u jekk iwebbes rasu xejn ma jikkonvincih.

10. **Natalie Attard**, oht l-attrici tikkonferma ukoll li kienet tinduna li l-konvenut kien rizervat hafna lejn il-familja taghhom. Tghid ukoll li ndunat li seta’ kien hemm problemi bejn l-attrici u l-konvenut, wara li

missierhom gie rikoverat l-isptar, ghax kien imur u ma kien ikellem lil hadd, lanqas lill-attrici.

Madanakollu, tghid li l-attrici ma kinitx tiftah qalbha maghhom u kien ghalhekk li damet ma hadet decizjoni li tissepara. Sadanittant il-problema taghha ta' *multiple sclerosis* kienet marret ghall-aghar.

Kienet indunat ukoll li l-konvenut ma tantx kien jattendi ghall-okkazzjonijiet li kienu jorganizzaw bhala familja u l-attrici kienet tghidilhom li kellu x'jaghmel jew kien qieghed jistudja sabiex tghattilu.

Tixhed ukoll dwar l-istat prekarja tad-dar li fiha kienu jghixu bla kcina, bla frigg suret in-nies u l-limitazzjonijiet li kien ipoggi l-konvenut fuq l-uzu tal-elettriku u l-gyzer.

Tikkonferma ukoll li kienet tisma hafna glied u tisbit u kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet rat li kienu ntervejnew il-pulizija. Ohtha l-attrici fl-ahhar fethet qalbha maghha u kienet qaltilha b'dak kollu li kien qed jigri u li kienet ser tispicca minghajr flus peress li l-konvenut ma kienx qed ipoggi l-flus fil-kont kongunt taghhom. Kienet ammettiet maghha li kienu gew il-pulizija minhabba glied.

11. **G G** , oht l-attrici tikkonferma ukoll il-verzjonijiet ta' hutha kollha. In kontro-ezami tikkonferma li dak li xehdet huwa dak li qaltilha ohtha l-attrici. Tghid li gieli meta kienet tinserta ghand ommha, peress li kellhom il-bitha tappoggja mal-bitha tal-partijiet, kienet tisma' ghajjat.

12. **Romuald Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonferma li mir-ricerka li ghamel jirrizultalu li f'isem l-attrici kien hemm zewg kontijiet *savings in foreign currency.*[11]

F'isem il-konvenut kien hemm zewg kontijiet, it-tnejn maghluqin,[12]

Kien hemm ukoll kont *joint savings* maghluq u kont kurrenti miftuh.[13]

13. **Audrey Ghigo**, in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. Tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet fuq il-partijiet, irrizultalha li f'isem l-attrici kien hemm zewg kontijiet li ghadhom miftuha.[14]

F'isem il-konvenut kien hemm zewg kontijiet ukoll ghadhom miftuha,.[15]

F'isem iz-zewg partijiet kien hemm zewg kontijiet ohra. [16]

14. **David Galea**, in rapprezentanza tal-APS Bank Ltd ikkonferma li mir-ricerka li ghamel kien hemm tlett kontijiet f'isem il-konvenut[17] u zewg kontijiet ohra f'isem l-attrici.[18]

15. **Joe Galea**, Assistant Direttur tas-Salarji Centrali tal-Gvern ipprezenta informazzjoni dwar is-salarju tal-konvenut.[19]

16. **Melissa Mamo**, in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange pprezentat informazzjoni dwar investimenti li ghandhom f'isem il-

---

[11] Doks. RA 1 u RA 2
[12] Doks. RA 3 u RA 4
[13] Dok.s RA 5 u RA 6

[14] Doks. AG 3 u AG 4
[15] Doks. AG 1 u AG 2
[16] Doks. AG 5 u AG6
[17] Doks. DG 1 – DG3
[18] Doks. DG 4 u DG 5
[19] Dok. JG 1

konvneut wahdu jew fejn qieghed il-*primary holder f'joint investments.*[20]

Dawn il-holdings ma jinkludux id-dividends li kienu hargu. Tikkonferma ukoll li bhala MSE numri hemm tlieta.

17. **Greta Farrugia**, in rapprezentanza ta' Mediterranean Bank plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet jirrizulta li l-konvenut ghandu *bonds* fis-suq bhala 6.25% maghrufa bhala Mediterranean Bank plc Bonds, li jimmaturaw fl-2015. Tikkonferma li l-valur taghhom huwa ta' €26, 000 cirka. Tghid li dawn il-bonds huma amministrati mill-Borza ta' Malta ghan-nom tal-bank .[21]

18. **Dr. Enrico Depaqsuale** in rapprezentanza ta' MSV Life plc. ikkonferma li mir-ricerka li ghamel irrizutalu li l-konvenut kellu polza wahda bin-numru 40414.[22]

19. **Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-Korporazzjoni tax-Xoghol ipprezenta l-Employment History tal-konvenut.[23] Ikkonferma li presentement il-konvenut jahdem bhala Education Officer fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Kien jahdem l-Universita' izda jirrizulta li dan l-impjieg gie tterminat.

20. **John Cachia Fearne** in rapprezentanza tal-Ministeru tal-Edukazzjoni kkonferma li l-konvenut jahdem bhala *education officer* fil-Ministeru u pproduca rendikont tal-qligh tieghu u dana mis-sena 2004 sallum.

---

[20] Doks. MM1-MM3
[21] Dok. MB 1
[22] Dok. MSV 1
[23] Dok. ETC 1

Ipprezenta l-FS3s tal-konvenut li jmorru lura sas-sena 2004 sa 2012, kif ukoll il-payslips relattivi.[24]

21. **Raymond Formosa**, in rapprezentanza ta' Lombard Bank plc. ikkonferma li mir-ricerka li ghamel rrizulta li l-konvenut ghandu kont wiehed, kif ukoll numru ta' shares. Ikkonferma li l-kont kien ghadu attiv[25] u huwa ta' tip *fixed deposit*. Ighid ukoll li l-istess kont gie mgedded l-ahhar fl-20 ta' Frar, 2013.

Ikkonferma ukoll il-mod kif imxew is-*shares* tul iz-zmien.[26] Kellu ukoll *Master card* fejn il-bilanc huwa zero.

22. **Dr. Malcolm Vella**, tabib kuranti tal-attrici jghid li ilu jaraha ghal diversi snin peress li tbati minn *multiple sclerosis* u dan lura mis-sena 1990. Il-mard taghha jikkonsisti f'kundizzjoni li taffetwa s-sistema nervuza u l-kura li tinghata hija dik ghas-sintomi li jinqalghu. L-ahhar li kien rah lill-attrici kienet qed tistenna appuntament minghand specjalista tal-ghadam. Ghall-marda taghha m'hemmx kura.

Ipprezenta d-dokumentazzjoni relatat mal-kura tal-attrici.[27] Jispjega ukoll li l-kundizzjoni taghha tinstab stabbli presentment, pero' tista' tmur ghall-aghar fil-futur,

Jikkonferma ukoll li jista' jaghti l-kaz li l-*multiple sclerosis* harget mal-hlas tat-tieni tarbija, kif ukoll li l-attrici tbati minn *hypothyroidism* u qiedgha fuq *replacement therapy*.

[24] Doks. EDUC 1 – EDUC 3
[25] Dok. LOM 1
[26] Dok. LOM 2
[27] Dok. MV 1

Izid ighid li madanakollu, il-kundizzjoni taghha mhix wahda gravi u severa, minkejja li ghandha problemi ta' inkontinenza, kif ukoll ta' nuqqas ta' sahha f'wahda mir-riglejn. Jista' jkollha impjieg pero' jiddependi x'forma ta' impjieg jista' jkollha u jishaq li kien hemm nies li ghaddew bord b'success minhabba dina l-kundizzjoni.

Dwar l-inkontinenza tal-attrici jghid li dan jista' jgib mieghu ukoll problemi psikologici bhal nuqqas ta' stima ta' persuna nnifisha u gieli anke problemi socjali, fis-sens li ma jkunux iridu johorgu mid-dar. Madanakollu, l-attrici gieli jkollha *relapses* u ghalhekk f'dawk il-mumenti certament ma tistax tahdem, pero' ma jfissirx li kull min ghandu l-*multiple sclerosis* ma jistax jahdem ghax huwa suggettiv,

23. **John Micallef** in rapprezentanza tad-Direttur Generali tat-Taxxi Interni jikkonferma li mir-ricerka li ghamel mis-central database jirrizulta li l-partijiet ghadhom mizzewwgin u pprezenta dokumentazzjoni dwar il-prospetti tat-taxxa tas-sena ta' stima 1999-2013.[28]

24. **Romwald Attard**, in rapprezentanza tal-Valletta Fund Management li kkonferma li mir-ricerka li ghamel jirrizulta li hemm investiment wiehed f'isem il-konvenut fl-ammont ta' €3, 114.51 (£3, 114.51). Jikkonferma li l-investiment kien sar l-ewwel darba fil-31 ta' Mejju, 2011.[29]

---

[28] Doks. TI1 u TI2
[29] Dok. VFM 1

25. **Dr. Steve Mattocks,** jikkonferma li ilu jsegwi l-kura tal-attrici ghal dawn l-ahhar 28 sena minhabba problemi urinarji. Jikkonferma ukoll li l-problemi li ghandha huma kollha relatati mal-*multiple sclerosis* li tbati minnha u qed tinghata t-trattament necessarju. Itenni li ma jistax jeskludi li jkollha bzonn "long term catheterization" fil-futur.

26. **Dr. Paul John Cassar**, *consultant physician u rheumatologist* jikkonferma li kien rah lill-attrici l-ewwel darba fid-9 ta' Gunju, 2014, minhabba osteopaenia u wara MRI li sar f'Awissu rrizulta li kellha ksur hafif fl-ghadam tal-ispina L1. Kien rah wara li giet riferita mill-klinika tan-newroligija fejn raha Dr. Malcolm Vella ghall-*multiple sclerosis*. Fl-ewwel vista li qed isemmi kien raha r-*Resident Specialist* li jahdem mieghu Dr.J ohn Paul Caruana Galizia.

Jikkonferma ukoll li skond ir-rekords li ghandu, l-attrici kienet qed tattendi il-klinika tan-Newroligija minhabba l-isklerosi multipla li ghaliha hadet tlett korsijiet ta' *steroids.* Illum qed tinghata kura u ghadha tigi segwita l-Isptar Mater Dei. Fir-*repeat bone density* kien jidher li kien naqas xi ftit u wara li ddiskuta mal-attrici ddecidew li kienet tippreferi tistenna qabel ma tiehu t-trattament tal-*bisphosphates* jew l-injections tal-aklasta.

Fuq l-attivitajiet li tista' taghmel l-attrici jispjega li din ghandha toqghod attenta kemm jista' jkun li ma taqax, kif ukoll ma tistax taghmel xi sport qawwi.

27. **Profs. Godfrey Laferla** jikkonferma li l-attrici ilha klijenta tieghi mis-sena 2002 u l-ewwel darba li kienet marret tarah kien minhabba problemi tal-ippurgar, murliti u kien hemm problemi urinarji ukoll. Wara li kien operaha fuq il-murliti kien jirrizulta li ghad hemm

problema ta' "urgent continence" imma din hija parti *progressive* minhabba l-problema tal-*multiple sclerosis.* Il-problema ta' *loose tools* ser ikolla tghix biha.

Dwar id-*diverticular disease* ighid li ma jhossx li l-attrici ghanda topera ruhha u dan minhabba li probabilment hija konsegwenza tal-*multiple sclerosis.* Il-posizzjoni taghha ma tistax tmur ghall-ahjar, jew tibqa' stabbli jew tmur ghall-aghar.

28. **Mr. Stephen Mattocks**, tabib kuranti tal-attrici jikkonferma li hu u t-team tieghu kienu raw lill-attrici l-ewwel darba fil-5 ta' Settembru, 2012 u l-problema kienet minhabba urgenza u inkontinenza tal-*urine.* Jikkonferma li kienu rawha diversi drabi. It-trattament jikkonsisti f'medicina.

Jispjega li l-ahhar li kienu rawha kien fl-20 ta' Jannar, 2016 u kienet tiehu l-medicina Betmia u l-effett huwa li jnaqqas l-urina. Jikkonferma ukoll li ser jibqa' b'din il-kundizzjoni, izda tikkontrollaha bil-medicina.

Jispjega li minhabba li l-attrici tbati mill-problemi tal-MS, iktar ma tbati minn problemi ta' mobilita' iktar ikollha problemi ta' inkontinenza u ghalhekk tillimita l-okkupazzjoni li jista' jkollha.

Ma setax jikkonferma jekk il-medicina kinitx ser tkompli tahdem, izda bil-Betmia marret tajjeb.

29. **Mario Magro**, in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar xehdet dwar l-ordni ta' rekwisizzjoni numru 12288 li kien hemm fuq il-fond 299, Fleur-De-Lys, B'Kara u dina kienet giet mhassra wara li kien hemm ftehim bejn is-sid u l-okkupant.

Ighid li dan il-fond inghata b'subcens fl-1 ta' Frar, 1982 lill-partijiet min GR  u JA . Is-subcens kien ghal 21 sena.

Malli d-Dipartiment ikkonferma li l-partijiet kienu okkupaw il-fond, kienu nehhew ir-rekwisizzjoni peress li ma kienx hemm opposizzjoni da parti tal-okkupant.

Ir-*requisition order* harget fl-1951 f'isem  JA   fil-konfront tal-proprjeta' 299, Fleur-De-Lys, B'Kara.[30]

Ipprezentat ukoll dikjarazzjoni ta' rinunzja ta' kirja ta' AV  ghan-nom ta' AS i biha rrinunzjaw ghad-drittijiet ta' kera li ghandu fuq id-dar in kwistjoni u dan bl-effett mill-14 ta' Marzu, 1952.[31]

Jikkonferma li c-cwievet go mghoddija minn AV  ghan-nom ta'  AS lid-Dipartiment.[32] Imbaghad kien sar ftehim ta' kera bejn id-Dipartiment u  J B  li kien il-kerrej li tpogga hemm dak iz-zmien.[33]

Is-sid il-kera accetta li jircievi l-kera minn JB .[34]

Ipprezenta dokumentazzjoni varja sabiex juri kif il-partijiet waslu sabiex hadu din il-proprjeta'. [35]

Mill-1 ta' Frar, 1982 kienet giet iffirmata koncessjoni subenfitewtika temporanja ghall-21 sena u dan bejn il-partijiet u  G  , R  u  J ahwa  A , Kien ghalhekk li l-istess partijiet kienu baghtu kopja tal-kuntratt lid-Dipartiment u talbuhom sabiex ma jiehdux passi kontrihom, fejn id-

[30] Dok. MM1
[31] Dok. MM2
[32] Dok.MM 3
[33] Dok. MM4

[3535] Doks. MM 5- MM10

Dipartiment irrisponda li ma jsibx oggezzjoni basta li jizzewwgu fi zmien sitt xhur.[36]

Il-konvenut kien rega' baghat lid-Dipartiment sabiex jitlob estensjoni peress li kien sab xi hsarat fil-post. Imbaghad permezz ta' ittra datata 8 ta' April, 1982, il-konvenut informa lid-Dipartiment li kien izzewweg.[37]

Id-derequisition tal-fond kien sar fid-29 ta' Awissu, 1983.[38]

30. **Anthony Bonnici,** in rapprezentanza ta' Go plc xehed li dwar in-numru 21444415 ighid li dan kien gie tterminat fl-10 ta' Novembru, 2021. Jikkonferma li kien gie attivat fis-7 ta' Lulju, 2009 u kien irregistrat fuq MC Carabott. Ighid li ma hemmx kontijiet pendenti fuq dan il-kont.

Numru iehor fuq l-id 9659 (M) li jappartjeni lill-attrici kien gie tterminat da parti tal-Go u dan peress li ma kienx qed jigi uzat.

> Jikkonferma ukoll li fir-rigward tan-numru 2144415 gie attivat fis-7 ta' Lulju, 2009.[39] Ighid li llum m'ghadux attiv. Fl-2012 jekk wiehed ried jittermina l-linja kellha ssir applikazzjoni mill-persuna li fuqha qiedgha l-linja u f'dan il-kaz ma nstabitx.
>
> Il-GO stess tista' tittermina l-linja.

31. **Dr. John Attard** huwa tabib kuranti tal-partijiet u jispjega li l-konvenut mar ghandu fil-11 ta' Jannar, 2005 minhabba attack nervuz u kien tah d-Deanxit u hi haga komuni hafna. Il-preskrizzjoni hija ghal xahar u

[36] Dok. MM13- MM15
[37] Dok. MM 16
[38] Doks. MM17(a) – Dok. MM 17 (c)
[39] Dok. GOP1

jikkonferma li l-konvenut ma regax mar ghandu. L-ansjeta' ma kinitx akuta u jkun tah il-medicina ghal xahar ghax ikun qed jistennieh jigi lura biex jara jekk ikunx ghaddielu jew jekk ghandux izid jew inaqqas il-pilloli.

32. **David Parnis** huwa psikoterapista u jispjega li l-MS Society jorganizzaw diversi laqghat ntizi ghan-nies li jbatu minn *multiple sclerosis,* flimkien mal-familjari taghhom li jkunu ghaddejjin minn diffikultaijiet. Gharaf lill-attrici li kienet tkun prezenti ghal dawn il-laqghat li jsiru xi kull tlett xhur u kienet marret ghandu l-klinika u qaltlu li ghandha problemi fiz-zwieg. Dakinhar kienet *distressed* u kellha ghafsa ta' qalb emozzjonali. Dwar il-konvenut ighid li qatt ma kien pazjent tieghu, u kien iltaqghu mieghu darba biss.

33. **Dr.Paul Debono,** in rapprezentanza ta' Lombard Bank jikkonferma li l-attrici ghandha diversi shares f'isimha.[40]

34. **Joanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Ikkonfermat li f'isem l-attrici rrizultaw tlett kontijiet:-

i) Savings account 4001526389 li huwa maghluq[41]
ii) Savings account 40019193272 li huwa maghluq[42]
iii) Savings account 40025056992 li huwa maghluq[43]

[40] Dok. LB 1
[41] Dok. JB1
[42] Dok. JB 2
[43] Dok. JB 3

Irrizulta li kien hemm zewg kontijiet joint savings account 15800073015 li ghadu miftuh kif ukoll current account 15800073028 li huwa maghluq.[44] In kontinwazzjoni mal-ewwel joint savingsipprezentat statement ta' accuont mill-1 ta' Dicembru, 2018 sa Frar, 2021.[45]

Ikkonfermat li mid-diversi kontijiet tal-attrici, il-*withdrawals* saru minnha,

35. **Lorraine Attard** in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. Tikkonferma li f'isem l-attrici jirrizulta kont wiehed savings 027010628050 li ghadu miftuh[46] u savings account iehor 027010628051 li llum huwa maghluq. [47]

    Kien hemm ukoll term deposit account li nghalaq fis-6 ta' April, 2010.[48]

    Kien hemm ukoll zewg *term deposits* li huma maghluqin.[49]

Savings account 027010628050 li jinstab maghluq u term deposit account li huwa maghluq.[50] Is-savings huwa f'isem l-attrici, izda kien riferut bhala Account C.

Kien hemm ukoll kontijiet kongunti bejn il-partijiet current account 027013556001[51] u savings account 027013556050.[52]

---

[44] Doks. JB 4 u JB 5
[45] Dok. JB 6
[46] Doks. LA 1
[47] Doks. LA 3
[48] Dok. LA 2
[49] Doks. LA 3 u LA 4
[50] Doks. LA 6 u LA 7
[51] Dok.LA8
[52] Dok. LA 9

In kontro-ezami semmiet diversi transazzjonijiet li saru u dawn huma ddokumentati.[53]

Ikkonfermat ukoll li kien sar trasferiment mill-joint account ta' €600 ghall-kont tal-konvenut u dan sar fis-26 ta' April, 2011 u kien sar permezz tal-internet banking.

36. **Charmaine Psaila Raj** in rapprezentanza ta' APS Bank plc. Tikkonferma li rrizultawlha s-segwenti kontijiet f'isem l-attrici, *joint* u anke ma' terzi.[54] Dawn huma kollha attivi.

Fuq il-kont savings li jispicca bin-numru 10019 tghid li kien hemm diversi *withdrawals* u mit-transactions li saru fl-2018/2019 dawn saru mill-attrici u dawn saru minn branch u mhux mill-ATM.[55]

Tikkonferma ukoll li ma kienx hemm *standing instructions* fuq l-istess kont. Lanqas ma kien hemm prokura, pero' lura ghas-sena 1996, kien hemm prokura li nghatat mill-partijiet ghal *settlement* ghal certu L u M A B u ghalhekk ma baqghetx tezisti.

37. **Miriam Sultana** in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet fuq l-attrici rrizulta li f'isimha hemm tlett kontijiet u wiehed minnhom kien uzufrutt f'isem GA . Is-*securities h*uma f'isem l-attrici imma l-interessi jghaddu ghand GA .[56]

Tikkonferma li llum l-uzufrutt m'ghadux jezisti.

[53] Doks. LAX 1 u LAX 2
[54] Doks. APS 1 – APS 15
[55] Doks. CPR 2 – CPR 7
[56] Dok. MS 1

Ipprezentat ukoll informazzjoni dwar joint accounts tal-partijiet.[57]

38.**Dr. Alex Aquilina** ghan-nom tal-Bank tad-demm jikkonferma li l-konvenut kien mar jaghti d-demm cirka 39 darba u jekk kien hemm drabi fejn ma setax jaghti dan kien minhabba li d-demm tieghu jkun baxx u kien hemm ukoll darbtejn fejn ma setax jaghti peress li kien ser jaghmel *endoscopy*.

Izid ighid li huma biss janalizzaw id-demm ghall-mard infettiv biss u mhux ghall-medicini u kolesterol. Isaqsu lil min ikun irid jaghti d-demm u jekk ikun qieghed jiehu medicina, jiddiferixxu. Fil-kaz ta' xi hadd li qed jiehu Deanxit mhux kaz li ma jaghtix demm. Ma jirrizultax li fil-kaz tal-konvenut kien hemm xi differiment minhabba d-Deanxit.[58]

39.**Jonathan Attard** in rapprezentanza tal-POYC Drug Card Section jikkonferma li l-*white card* ghall-attrici sabiex tiehu l-valium kien inhareg fit-23 ta' April, 2003 u l-ahhar wahda harget fid-9 ta' Ottubru, 2017 u dawn jiskadu kull sena. Hija karta bajda sabiex tippermettilha tibqa' tiehu din il-medicina partikolari regolarment.

Il-medicina trid tixtriha. Ma jkunx jaf x'inhi d-doza imma tiehu mija kull xahrejn.

40.**Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta dokumentazzjoni dwar il-beneficcji socjali ppercepiti

---

[57] Doks. MS 1

[58] Dok. AA1

mill-attrici[59], kif ukoll kopja tal-file tal-pensjoni ghall-persuna li ghandha dizabilita' severa tal-attrici.[60]

Rega' pprezenta dokument updated.[61] Ipprezenta ukoll informazzjoni dwar dak li kienet tircievi l-attrici fl-2001 u 2002.[62]

41. **Dr .Michael Azzopardi** jikkonferma li kien ra lill-attrici u lil uliedha u kien ippreskrivilha l-valium. Jikkonferma li l-*white card* tiggedded kull sena u trid tinbidel. Il-valium li ppreskrivilha kienu ta' mija kull xahrejn jigifieri prattikament kienet tiehu wahda u nofs kuljum u jikkonferma li dina mhux preskrizzjoni qawwija.

42. **Jason Gilson** in rapprezentanza tal-**Commission for the Rights of People with Disability** u jikkonferma li kienu hargu l-EU disability card ghall-attrrici li ssostitwit l-SID card li kienet applikat ghaliha l-ewwel darba l-attrici fl-10 ta' Novembru, 1998.

Jikkonferma ukoll li l-attrici kienet applikat darbtejn ghall-*blue card* biex tipparkja fuq il-*blue bay* u dan kien fl-10 ta' Novembru, 1998 u fit-8 ta' Jannar, 2009. Fiz-zewg okkazzjonijiet ighid li l-attrici ma kkwalifikatx. Biex tiehu l-blue badge jehtieg li jrid ikollok xi *mobility impairment.* Irid isir bord minn tabib u jsir assessjar tas-sitazzjoni.

---

[59] Dok ST1 a fol. 1767
[60] Dok. ST 2
[61] Dok. STX 1
[62] Dok. STX 2 u STX 3

43. **Profs. Anthony Galea Debono** jikkonferma li huwa kien it-tabib kuranti tal-attrici peress li kien ikollha hafna problemi newrologici peress li kienet tbati minn *multiple sclerosis* u jikkonferma li taghha kienet problema ta' *relapsing*.

Jikkonferma ukoll li kien hareg certifikat fis-27 ta' Marzu, 2012, fejn istabilixxa li l-attrici "is unfit for all types of work," Kien hemm ukoll certifikat li hareg fit-12 ta' April, 2014 u kkonstata li kien hemm problemi ta' degenerazzjoni, izda ighid li dan kien minhabba diversi infjammjazzjonijiet kif ukoll  kellha problemi ta' *stress*. Dan iwassal sabiex ma tkunx tista' tikkowpja mas-sitwazzjoni. Pererss li gieli anke kien ikollha problemi bil-vizta dan iwassal sabiex jaghmilha difficli li jkollha impjieg.

44. **Joseph Debono**, ghan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezenta t-*tax registration form* tal-konvenut.[63] Ipprezenta ukoll il-prospetti tat-taxxa mis-sena bazi 1998 year of assessment 1999 sal-year of assessment 2021.[64] Minn hawn jirrizulta il-*gross employment* tal-konvenut mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, kif ukoll kemm hallas taxxa u kemm hallas bolla.

Esebixxa ukoll il-*years of assessment* mill-1989 sa 1997, minn fejn jirrizulta kemm kien hemm emoluments, PAYE u anke NI.[65]

45. **Etienne Barbara**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Successjoni spjega li dwar l-ircevuta PC 2818 din kienet fuq il-konvenut rigward

[63] Dok. JD 1
[64] Doks. JD 2
[65] Doks. JD 3

bejgh ta' mezzanine 177, St. Angelo Str, Zejtun. Dan kien fit-18 ta' Novembru, 2014 u kien hallas €5.05.

It-tieni rcevuta TK 4768 hija fuq isem il-konvenut minkejja li l-bejgh kien jirrigwarda wirt tal-attrici. Il-€115 jirrapprezentaw *capital gains* li mill-wirt hallset il-persuna kkoncernata ghas-*share* taghha jew biex inbieghet dina l-ghalqa.

Fuq l-ircevuta VA 1842 li tirrigwarda l-attrici , ghalkemm bhala prassi dejjem tohrog fuq ir-ragel,  hija fir-rigward tal-proprjeta' 296, Fleur-De-Lys, B'Kara ghall-valur ta' €150, 000 u l-attrici kienet hallset mitejn Euros ghas-share taghha. [66]

Ighid ukoll li l-konvenut ghandu sehemu mill-bejgh tal-mezzanin,

46.**Dr. Marita Pace Dimech** in rapprezentanza tal-Accountant General ikkonfermat li kien hemm *stocks* mizmuma f'isem il-konvenut kif ukoll dak tal-attrici mill-1 ta' Jannar, 2010 'l quddiem u b'kollox kien hemm erbgha u cioe' 6.6 MGS 2019., 7.8% MGS 2012, 7.8% MGS 2013 u 7.8% MGS 2018. B'kollox hemm €19, 801 u l-istess *stocks* qed jinzammu peress li nhareg mandat numru 202/13.

Dwar il-konvenut tghid li jirrizulta li b'kollox hemm hames *stocks,* 5% MGS , 5,5, 2023 ghad irid jigi mmaturat. 6.1% MGS 2015 {1}, 6.4 5% MGS 2014 {2}, 6.65 %MGS2016. Jikkonferma li bhala ammont mizmum ghand it-Tezor hemm €16, 540.

Dwar 6.6% tghid li dan gie *redeemed* fl-2019 u l-istess 7.8% fl-2012, peress li kienu mmaturaw, izda kienu mizmuma minhabba l-mandat.

---

[66] Doks. FB 1 – FB 6

Jekk jitneħħa l-mandat, għandu jiġi notifikat it-Teżor ta' Malta u l-Malta Stock Exchange u mbagħad jista' jsir l-iżbank.

47. **Fr. Joseph Saliba**, Provincjal tal-Ordni Karmelitana kkonferma li fl-2008 kien Kappillan u wara li tkellmet miegħu l-attriċi dwar il-problemi li kien qed ikollhom fiż-żwieġ, kien bagħat nota lill-konvenut sabiex imur ikellmu sabiex b'hekk ikun tkellem mat-tnejn, iżda qatt ma mar għandu.

48. **Dr.Alexia Aquilina**, in rappreżentanza tad-Direttur tal-Qorti pprezentat żewġ ċedoli.[67] Tikkonferma li l-ammont li ġie ddepożitat kien jammonta għal €4800 u ma jistgħux jinġibdu iktar minn €4, 577.

49. **Reuben Bonnici** in rappreżentanza tal-ARMS ikkonferma li l-kontijiet kienu qed jinħarġu fuq isimha. Dwar il-kont f'isem il-konvenut li jġib id-data 31 ta' Ġunju, 2017 u oħra tat-2018, igħid li dan kien l-aħħar kont, li bih ingħalaq biex isir transfer.[68] Il-bilanċ kien zero. Imbagħad il-kont inqaleb fuq l-attriċi. Hekk l-ARMS hija ordnata li tipproduċi d-dokumentazzjoni jekk uffiċjalment kinitx ordnata ma tkomplix issegwi d-digriet tas-Sezzjoni tal-Familja.

Iżid igħid li l-account no nbiddel u minn 101 sar 411.[69]

---

[67] Dok. AA1
[68] Dok. RBX 1
[69] Dok. RBX 2

Ipprezenta ukoll il-formola tat-trasferiment[70] u jikkonferma li kienu mxew fuq l-ordni tal-Imhallef Robert Mangion li jsir it-transfer minn fuq il-konvenut ghal fuq l-attrici.

50. **Leslie Farrugia**, in rapprezentanza tal-Istock Exchange jispjega li fuq bonds tal-Grand Harbour Marina, ighid li fuq informazzjoni tar-*registration advice* tad-19 ta' Frar, 2010, l-indirizz kien jindika dak tal-konvenut u cioe' 299, Fleur-De-Lys Rd, B'Kara.

51. **Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta jikkonferma li mir-ricerka li ghamel, jirrizulta li l-vettura EAL 918 hija vettura tal-ghamla Austin Mini u fid-29 ta' Jannar, 2010, kienet irregistrata fuq JBU . L-istess vettura giet trasferita fuq Andrew Farrugia, sakemm l-ahhar trasferiment sar fuq C C fis-16 ta' Lulju, 2010 u ghadha hekk fuq ismu sal-gurnata ta' llum.[71]

**Dr. Christopher Spiteri** in rapprezentanza tat-Transport Malta ukoll ikkonferma li fuq isem il-konvenut irrizulta vettura tal-ghamla Ford b'numru ta' registrazzjoni KAF 035, li mbaghad giet *scrapped* fis-16 ta' Settembru, 2024.[72]

---

[70] Doks. RBX 3
[71] Dok. SC 1
[72] Dok. CS1

52. **Andrew Xuereb** in rapprezentanza tal-Housing Authority fil-kapacita' tieghu bhala Senior Officer, sezzjoni legali u jikkonferma li ma kienx jirrizultalhom kirijiet fuq l-isem MC .

53. **Dr. Marita Pace Dimech** in rapprezentanza tat-Tezor Malta tikkonferma li mat-Tezor, il-partijiet ghandhom €19,801- f'isimhom. Jirrizulta ukoll li l-attrici ghandha kont iehor li jgib in-numru 9321004 li jikkonsistu fi tlett kontijiet vestiti f'isimha;-

I) 5.25% Malta Government stock €2030 (imghaxijiet €245.41)
II) 5% 2021 (imghax €316.88)
III) 5.1 Malta Government Stock 2022 (imghaxijiet €252.50
IV) Fuq il-kont numru 346160 kien hemm disa' stocks[73]
V) Fuq il-kont numru 9692282 kien hemm tlett stocks ohra.[74]

Tikkonferma ukoll li l-attrici kienet wirtet ukoll xi stocks li kienu ghadhom ma mmaturawx u nfetah kont fuq l-attrici.

54. **Dr. Louis Degabriele** in rapprezentanza ta' Grand Harbour Marina plc fil-kapacita' tieghu ta' *Company Secretary* jikkonferma li kienet saret cedola ta' depozitu tal-bond fl-ammont ta' €3600 MSC Account No. 57851. Ic-cedola ggib in-numru 33/2018.[75]

Dwar l-indirizz li kellhom fuq ir-registru tal-kumpaniji l-konvenut gieli kien juza 299, Fleur-De_lys, B'Kara jew 15, Triq San Pawl il-Bahar,

[73] A fol. 1336
[74] A fol. 1336
[75] Dok. LD 1

San Pawl il-Bahar. Dwar il-notifika li baghtet hazin u cioe' Haz-Zebbug, jikkonferma li dan kien zball tal-kumpanija.

Fuq istruzzjonijiet tal-konvenut meta l-*bond* immatura, il-kumpanija ddepositat il-flus il-Qorti.

55. **Doris Vella Cassia**, in rapprezentanza tal-Isptar Mater Dei, ipprezentat kopja tal-file tal-attrici mid-9 ta' Dicembru, 1958 sal-4 ta' Lulju, 1995 u file iehor ta' C C  mis-7 ta' Dicembru, 1991 sas-17 ta' Dicembru, 2015. [76]

**<u>Konsiderazzjonijiet ulterjuri;</u>**

**<u>Responsabbilita'</u>**

**<u>Eccessi, Sevizzi u Ingurji gravi</u>**

L-attrici taddebita lill-konvenut il-htija tat-tifrik taz-zwieg taghhom u dan minhabba eccessi, sevizzi u ingurji gravi.

Fil-kaz **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017, il-Qorti enuncjat hekk ;

> *"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt*

[76] Doks. DVC 1 u DVC 2

*b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.*

*"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccessi" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.*

*"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas taht l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li :

"***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Fl-istess sentenza l-Qorti insenjat illi ***« theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bl-ghan illi twegga' lill-parti l-ohra u biex trendihom mizerabbli u skuntenta. »***

Fis-sentenza **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[77] inghad ukoll illi

> ***« Il-minacci jistghu jkunu verbali jew reali u materjali. Jekk dawn verbali jkunu l-effett tal-impetu u mhux rafforzati mill-intenzjoni li jkunu sussegwiti mill-azzjoni, fil-kaz ta' nies ta' certu cetu socjali ma jawtorizzawx lill-Qorti taccettahom bhala raguni u motiv ta' firda personali ; imma jekk ikunu tali li jirrivestu azzjoni, u min jaghmilhom jidher li hu kapaci jikkunsahom, allura indubbjament jiffurmaw motiv ta' separazzjoni. »***

Dwar l-offiza gravi l-Qorti insenjat illi ***« Biex is-sevizzi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti, b'mod li jirrendu mpossibbli l-konvivenza tal-konjugi. »***[78]

L-attrici tilmenta dwar il-karattru tal-konvenut ghax kien tip ta' persuna li ma kien jafda lil hadd. Kien iffissat fl-istudji tieghu sabiex javvanza fil-karriera u ghalkemm ma kien hemm xejn hazin f'dan kien injora ghal kollox certi prioritajiet, in partikolari l-manutenzjoni tad-dar, tant li gie kkonfermat li lanqas ma kellhom dar armata.

Haga ohra li fuqha tilmenta l-attrici huwa li l-konvenut kien supperv u kien gieli jaghmel granet ma jkellimha u ma kienx itiha raguni ghalfejn. Din il-verzjoni hija kkorroborata mill-wild taghhom CC.

---

[77] 30 ta' Gunju, 1961
[78] Maria Micallef vs Giuseppe Micallef deciza fil-25 ta' Mejju, 1942

L-attrici takkuza lill-konvenut li kien maqtugh u assenti hafna minn hajjet it-tfal u lanqas biss kien ihallihom jitkellmu jew jesprimu l-opinjoni taghhom. Kien ighajjat hafna maghhom u jaghmel hafna storbju ghal xejn b'xejn, Il-konvenut jichad dan kollu u jakkuza lill-attrici li sahnet lit-tfal kontrih, tant li bdew jarawh ikrah u pingewh tali mal-pulizija u anke mal-Qorti.

Hut l-attrici jikkorroboraw il-verzjoni tal-attrici li l-konvenut ma kienx iridhom ikollhom x'jaqsmu mal-familja taghha u jammettu li kemm il-darba kienu jaraw lit-tfal fil-bitha li kienet tmiss mal-proprjeta' taghhom u ma kinux ikellmuhom u donnu kienu jibzghu. Kienu anke kkonfermaw li kemm il-darba kienu jisimghu hafna ghajjat, minkejja li ma kinux jindahlu u kienu raw il-pulizija fil-vicinanzi tad-dar taghhom xi darbtejn.

Ir-relazzjoni bejniethom aggravat u dan wara l-attrici kellha problemi b'daharha u fil-25 ta' Gunju, 2005, spiccat li kellha toqghod fis-sodda. Il-konvenut ha r-rigni f'idejh tad-dar u sar it-terrur ta' kulhadd skond l-attrici  u anke uliedu stess jikkorroboraw dina l-verzjoni.

Kompla jghajjat mat-tfal izjed minn qabel, kien iridhom jahslu kull haga li juzaw, beda jarmi hafna mill-oggetti personali taghhom li kienu ghall-qalbhom. L-attrici tammetti li dina kienet bdiet il-hajja ta' kuljum u hi ma setghet taghmel xejn peress li kienet mwahhla fis-sodda. Meta kienet tipprova tkellem lill-konvenut kien jehodha kontriha u wara li kienet qaltlu biex jiffokka biss fuq l-istudji tieghu u jhalli t-tfal bil-

kwiet, kien qallha li ma kienx ried jibqa' maghha u beda jorqod gharrasu.

Dan kollu u kkorroborat minn ulied il-partijiet, fejn anke binthom JC stqarret li l-konvenut kien qed ikun arroganti hafna mal-attrici u kien anke juri hafna nuqqas ta' rispett, meta l-iktar li kellha bzonn l-ghajnuna minhabba li kienet qed tirkupra fis-sodda.

Dan l-agir wassal sabiex il-konvenut beda jghix b'mod separat taht l-istess saqaf, jiekol ghalih, ma jkellem lil hadd u beda jikkomunika maghhom billi jhalli noti mwahhlin kullimkien.

Ghal dan il-konvenut jinsisti li kienu jipprovokawh u kellhom kollox organizzat, bejn jirrekordjawh wara li jirreagixxi ghall-provokazzjoni, kif ukoll jikkomunikaw mal-pulizija u jirrapportawh, specjalment dan kien isehh minhabba li jinsisti t-tifel tieghu C kien habib ma' uhud mill-pulizija fl-Ghassa ta' B'Kara.

JC , , bint il-partijiet fethet qalbha fix-xhieda taghha ta' kif ommha l-attrici dejjem kienet bil-ghaqal u kwieta u kieku ma kienx ghas-support mentali taghha ma kienitx tasal fejn waslet fil-hajja. Finanzjarjament tammetti li ma kinux ighinuhom u dan peress li ma kienx hemm minn fejn, Ulied il-partijiet jinsistu li kien hemm problema fis-sens li missierhom kien iffissat li jinvesti l-flus, minflok jiehu hsieb il-bzonnijiet taghhom u tad-dar.

Ghalhekk mix-xhieda tal-attrici u ulied il-partijiet jirrizulta li d-dar kienet "maqjel," bla kcina, bl kmamar tas-sodda suret in-nies. Kien hemm hafna imbarazz, zebgha maqlugha u anke sahanistra trinek jidhru

fil-hajt. Lanqas kellhom *washing machine* tajba, izda zewg *twin tubs* antiki u l-attrici kien ikollha tahsel u ggorr l-ilma mill-bir. Anke il-platti, il-konvenut kien iridhom jahsulhom barra fil-bitha, bard jew mhux fil-fliskatur sabiex ma jahlux ilma u dan sabiex ma jahlux ilma. Il-konvenut lanqas ried jixtrilhom fridge gdida.

JC issemmi l-misthija li kienet thoss peress li lanqas ma kien ikollha uniformi kif suppost u l-bagalja tal-iskola kienet ilha ghandha minn zmien l-ewwel snin tal-iskola sakemm spiccat is-sekondarja. Kien ikollha tigi assoggettata ghar-ridikolu minn shabha.

Ma kienx xtralhom skrivanija fejn jistudjaw u lanqas kompjuter. Kellhom television wiehed u l-konvenut anke kien in kontinwazzjoni jitfi l-*internet* u l-*gyzer,* anke fix-xitwa, tant li spiccat ma setghetx tistudja bil-kwiet u kienet tispicca ghand il-habiba taghha jew ghand l-gharus.

Ghal dawn l-allegazzjonijiet, il-konvenut ipprezenta sottomissjonijiet pjuttost dettaljati pero' li sostanzjalment ma jipproducu l-ebda prova konkreta li jista' jikkontradixxi l-verzjonijiet tal-attrici u ta' uliedu. Kollox huwa relatat mal-fatt li gie zgumbrat mid-dar u dwar kwistjonijiet li sehhew wara l-medjazzjoni. Bir-rispett kollu, dawn huma cirkostanzi li ma wasslux ghas-separazzjoni, anzi huma kollha konsegwenzi tal-fatt li l-attrici ddecidiet li tipprocedi bis-separazzjoni.

Inoltre, l-unika referenza forsi li ressaq il-konvenut sabiex jikkontesta l-htija tieghu fuq eccessi, sevizzi u ngurji gravi huwa meta jsemmi li l-attrici originarjament qabel ma zzewwgu kienet uriet ix-xewqa li tibqa' tahdem, izda bidlet fehmitha wara z-zwieg u ghalhekk sabu ruhhom jiffaccaw problemi finanzjarji. Dan il-konvenut juzah bhala

gustifikazzjoni l-ghala ma sarux hafna xogholijiet fid-dar u l-attrici kellha taccetta li dawn isiru bil-mod.

Il-Qorti tqis li dina hija biss skuza tal-konvenut, ghaliex mill-provi li pproduca, kif ukoll fis-sottomissjonijiet tieghu, hu indika x'kien l-introjtu tieghu tul id-diversi snin u certament l-introjtu tieghu ma kienx ftit u kien sufficjenti sabiex isiru xogholijiet bazici fl-istess fond.

Oltre minn hekk, il-konvenut stess jikkonferma d-diversi investimenti li semmiet l-attrici fis-sottomissjonijiet taghha, li ghalhekk jikkorroboraw il-verzjoni ta' ulied il-partijiet li l-konvenut kien mohhu sabiex jinvesti l-flus, minflok ighinhom f'dak li verament kellhom bzonn fit-tfulija taghhom.

Ghaldaqstant, mill-provi prodotti, jirrizulta li l-attrici rnexxielha tipprova li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi u anke ingurji gravi li wasslu ghat-tifrik taz-zwieg.

**Manteniment**

Skont l-Art. 20(1) tal-Kodiċi Ċivili, manteniment jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih. Filwaqt li Art. 20(3) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:-

> ***"(2) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligh tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-***

***Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust".***

*Pendente lite*, fid-9 ta' Marzu, 2012, dina l-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex ighaddi manteniment lill-attrici fis-somma ta' €300 fix-xahar.

Gie stabbilit li llum il-konvenut huma pensjonant u jircievi pensjoni ta' cirka €1,200 fix-xahar,[79] filwaqt li qabel kien jahdem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Inoltre, gie stabbilit, li l-konvenut kien fil-mori tal-proceduri u sakemm inhareg digriet sabiex ihallas manteniment, kien ihalli lill-attrici u lill-familja nieqsa finanzjarjament, kuntrarjament ghal dak li jtenni li dejjem pogga l-paga tieghu a disposizzjoni tal-attrici.

L-uniku introjtu tal-attrici huwa dak li tircievi mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali bhala pensjoni/assistenza ghall-disabilita' severa fl-ammont ta' cirka €494 kull erba' gimghat.[80] Gie kkonstat ukoll li dawn il-beneficcji mhumiex konkluzivi fis-sens li wara certu perjodu, il-Bord jerga' jirrevedi l-posizzjoni tal-attrici.

Il-konvenut jinsisti li l-attrici ghandha dhul iehor mill-Ministeru ghall-Edukazzjoni, Sport, Zghazagh, Ricerka u Innovazzjoni fl-ammont ta' €300 kull erba' gimghat, kif ukoll diversi kirjiet li rcievet minn wirt taghha, izda dan kollu ssemma f'affidavit ulterjuri, li dina l-istess Qorti

---

[79] Kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita f'Novembru, 2023

[80] A fol. 1756

m'accettatx li jigi pprezentat u ghaldaqstant ma tistax tqishom bhala parti mill-provi.

**Mard tal-attrici**

M'hemmx kontestazzjoni li l-attrici tbati minn diversi kundizzjonijiet, partikolarment l-iktar serja hija l-*Multiple Sclerosis*. Fi kliem il-professur kuranti tal-attrici Dr. Norbert Vella, l-attrici tbati minn *"**a relapsing progressive multiple sclerosis.**"* Gie kkonstatat ukoll mid-diversi professuri u tobba kuranti tal-attrici, li ghall-kundizzjoni tal-attrici m'hemmx kura u tvarja fil-kumplessita' taghha skond il-persuna u l-problemi li tbati minnha.

Dr. Malcolm Vella, newrologu jispjega li fil-kaz tal-attrici jaghtiha "***symptomatic treatment li jigifieri natuha l-kura ghas-sintomi li jinqalghu.***" Il-multiple sclerosis wassal sabiex l-attrici tbati minn problemi urinarji, kif ukoll ghandha problema ta' nuqqas ta' sahha f'sieq minnhom. Dr. Vella kkonferma ukoll li dina l-marda tista' tibqa' stabbli jew tiddegenera pero' huwa difficli biex wiehed jistabilixxi meta dan ser isehh. Madanakollu, "***meta jkun hemm problema ta' inkontinenza dan igib maghhom ukoll problemi psikologici bhal nuqqas ta' stima tal-persuna nnifisha u ukoll certu social problems bhal ma johorgux mid-dar minhabba din il-kundizzjoni***."

Dr. Paul John Cassar iccertifika ukoll li l-attrici kienet tbati minn 2 osteopina, li tfisser li ghalkemm id-densita' tal-ghadam hjja baxxa, mhix baxxa bizzejjed biex tissejjah osteroporosi. Izid ighid ukoll li "***L-***

***osteoporosi per se generalment ma taghmilx dawshekk sintomi sakemm ma jkunx hemm ksur."*** Peress li rrizulta li l-attrici kellha ksur fil-*vertebrae* inevitabbilment kien ser ikollha ugigh u ghalhekk persuna li tbati bil-kundizzjoni tal-attrici trid tevita numru ta' attivitajiet peress li dan jista' jwassal ghall-perikolu ghax jista' jikkawza hsara.

Il-Professur Dr. Godfrey Laferla spjega li l-attrici kellha problemi tal-morliti, kif ukoll *diverticular disease* u dina l-kundizzjoni taghha mhux irriversibbli u se mai "*tkun progressive mhux se tmur*." L-istess jifhimha Dr. Stephen Mattocks.

Il-pern tal-kwistjoni hija jekk dawn il-kundizzjonijiet medici tal-attrici, jimpedu lill-attrici fil-kapacita' lavorattiva taghha, Di fatti, Dr Vella kellu dan xi jghid:- "***li kien hemm zmien fil-passat li minhabba r-relapses certament ma setghetx tahdem***." Dina l-interpretazzjoni nghatat ukoll mill-Profs. Dr. Anthony Galea Debono fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Marzu, 2022 ikkonferma li huwa difficli ghall-persuni bhall-attrici bis-sitwazzjoni tas-sahha taghha, li jkollha impjieg fit-tul.

Ta' 65 sena certament huwa difficli ghall-attrici li ssib impjieg u tahdem bi qliegh u dan huwa kkonfermat u korroborat minn diversi Professuri u tobba kuranti tal-attrici.

Id-dhul tal-attrici ghalhekk ma jeccedix t-€800 kemm mill-beneficcji socjali, kif ukoll mill-manteniment ordnat minn dina l-Qorti, Indubbjament dan l-ammont mhux bizzejjed ghal mara tal-eta' tal-

attrici li tbati minn *multiple sclerosis* kif ukoll kundizzjonijiet ohra kif fuq imsemmija.

Ghandu jigi kkunsidrat ukoll li l-attrici qed tghix fid-dar matrimonjali u ghalhekk m'ghandhiex spejjez ta' kiri, kif jista' jaghti kaz li jkollu l-konvenut. Certament l-attrici naqset li tipprova b'mod ezatt prospett tal-ispejjez mensili li ghandha, pero' minghajr il-manteniment ordnat mill-Qorti certament li l-attrici mhux ser tkampa u tghix hajja dinjtuza.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tordna li **l-ammont ta' manteniment li ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici ghandu jkun dak ta' <u>€350</u> fix-xahar,** liema somma ghandha tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja. Dina s-somma ghandha tinqata' direttament mill-paga u /jew pensjoni li qed jircievi l-konvenut mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

L-attrici pproduciet diversi xhieda sabiex jipproducu d-diversi investimenti li ghandhom il-partijiet u jirrizulta li dawn biss huma l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut ma opponix ghal dawn l-assi fis-sottomissjonijiet tieghu.

Dawk elenkati u ddentifikati mill-assjem tal-provi attrici huma s-segwenti:-

A. **<u>Investimenti f’isem il-konvenut</u>**

a. Investimenti ma’ Valletta Fund Management
b. Investimenti mizmuma man-National savings and Investment (NS & I) gewwa r-Renju Unit
c. Il-portfolio mal-Malta Stock Exchange Account Number 57851 li jikkonsisti fis-segwenti:-
    - Malta International Airport A shares
    - Grand Harbour Marina plc. Ordinary shares
    - 7% Pavi Shopping Complex plc secured bonds 2014-2017
    - Maltapost plc. Ordinary shares
    - 7% MDI plc. Euro Bonds 2016-2018
    - RS2 Software plc/ ordinary shares
    - 7% Fimbank plc. Euro subordinated bonds 2012-2019
    - 5.35% Bank of Valletta plc. Subordinated bonds 2012-2019
    - 6.25% International Hotel Investments plc. Bonds 2015-2019
    - 6.25% Tumas Investments plc. Bonds 2014-2016
    - 7% Grand Harbour Marina plc. Bonds 2017-2020
    - 6.8% Premier Capital plc. Bonds 2016-2020
    - 6.25% International Hotel investments plc. Bonds 2017-2020
    - 6% Simonds Farsons Cisk plc.Bonds 2017-2020
    - 6.6% Eden Finance plc. Bonds 2017-2020
    - 7.15% Mediterranean Investments Holdings plc. Eurp Bonds 2015-2017
    - Mediterranean Bank plc. Bonds 2015
    - MIDI plc. Ordinary shares
    - Malita Investments plc. Ordinary shares
    - 5.8% International Hotel Investments plc/ bonds 2021

B. **Investimenti f'isem l-attrici**

a. Il-portfolio bir-referenza MSE (Malta Stock Exchange) Account number 9321004 li fih wirt ta' omm l-attrici.
b. Il-portfolio bir-referenza MSE (Malta Stock Exchange) Account number 9692282 li fih wirt ta' missier l-attrici Joseph Attard
c. Il-portfolio bir-referenza MSE Account Noumber 346160
d. Investimenti mizmuma man-National Savings and Investments (NS & I) gewwa r-Renju Unit

Skond ix-xhieda ta' Dr.Marita Pace Dimech in rapprezentanza tal-Ufficcju tal-Accountant General ikkonfermat li l-unici investimenti li ghadhom attivi huma dawk parafernali ghall-attrici u cioe' dawk fuq imsemmija.

C. **Investimenti kongunti**

a. Il-portfolio bir-referenza MSE Account Number 693324
b. Il-portfolio bir-referenza MSE Account Number 50563

D. **Kontijiet bankarji fuq isem il-konvenut**

a. Kontijiet mal-APS Bank Malta plc li sas-sena 2011 kellu €40, 000
b. Kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc li sas-sena 2011 kien fihom €11,000.

E. **Kontijiet bankarji f'isem l-attrici**

a. Kont mal-Bank of Valletta plc li tintuza sabiex tigi ddepozitata l-assistenza tad-disabilita' severa li tircievi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

b. Kont mal-HSBC Bank Malta plc fejn jidhol il-manteniment tal-attrici.

**F. Polza ta' assikurazzjoni mal-MSV Life plc/ f'isem il-konvenut.**

Tenut kont tal-fatt li l-konvenut huwa responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg kif fuq gie deciz, dina l-Qorti tissottometti li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi xolta u llikwidata fis-segwenti mod:-

1. L-investimenti kongunti ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet u dina l-Qorti tilqa' s-sottomissjonijiet attrici u tordna lil Malta Stock Exchange u lit-Tezor sabiex jaqsam l-istess investimenti f'zewg porzjonijiet ugwali u jassenjahom lil kull parti rispettivament.

2. L-investimenti, il-polza ta' assikurazzjoni (MSV Life plc) u l-kontijiet bankarji f'isem il-konvenut , li nbdew fiz-zwieg ghandhom jigu divizi ugwalment bejniethom u ghaldaqstant tordna lill-banek, Malta Stock Exchange, it-Tezor u r-Registratur tal-Qrati Civili sabiex kwalsiasi investimenti u flejjes li hemm fil-pussess tieghu jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet.

   Bl-istess mod, ic-cedoli kollha li hemm iddepositati taht l-awtorita' tal-Qorti in segwitu ghall-mandat ta' sekwestru li sar mill-attrici, in partikolari Grand Harbour Marina plc. U minn Premier Capital ghandhom jigu zbankati u r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

3. L-investimenti f'isem l-attrici ghandhom jigu assenjati lilha, stante li dawk li ghadhom attivi gejjin minn wirt, kif ukoll il-kontijiet bankarji li hemm f'isimha.

4. Il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali ghandhom jigu assenjati lill-attrici, hlief ghall-assi parafernali tal-konvenut, li ser jigu ddentifikati hawn taht.

5. Kulhadd ghandu jkun responsabbli ghad-dejn li jaghmel.

**<u>Assi Parafernali</u>**

Skond il-konvenut, in segwitu ghad-digriet ta' allontanament fis-17 ta' Novembru, 2015, il-Qorti llimitatlu dak kollu li seta' jiehu mid-dar fejn kien ghad kellu kotba, ghamara li wiret u ghodda u fl-inventarju li kien ghamel kien nesa jindika li kellu xi dehebijiet li kienu parafernali ghalih u ghalihom l-istess attrici ma kinitx oggezzjonat,

Dawn id-dehebijiet kien wirithom minghand ommu EC wara l-mewt taghha fis-26 ta' Gunju, 2002. Dawn id-dehebijiet huma elenkati mill-istess konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu a fol. 18-19 u ma jirrizultax li hemm opposizzjoni ghalihom.

Inoltre, kien hemm diversi oggetti parafernali tieghu li jissemmghu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu a fol. 19-20 li ukoll ma jirrizultax li hemm opposizzjoni ghalihom da parti tal-attrici u ghandhom jigu assenjati lill-konvenut fi zmien xahar millum fil-presenza ta' marixall tal-Qorti.

## **Dar Matrimonjali**

Hemm qbil li d-dar matrimonjali u cioe' l-fond 299, Triq Fleur-De-Lys, B'Kara hija proprjeta' parafernali tal-attrici u hija proprjeta' li hija wirtet minghand missierha JA b'effett mit-8 ta' Lulju, 2009.

Mir-rizultanzi processwali gie kkonfermat li originarjament dina l-proprjeta' kienet gie rekwisizzjonata mill-Gvern ta' Malta, liema rekwisizzjoni kienet tnehhiet maz-zmien peress li l-genituri tal-attrici kkoncedew subenfitewsi favur il-partijiet ghal wiehed u ghoxrin sena, li mbaghad sussegwentement giet konvertita f'kera.

Il-konvenut jinsisti li kien ghamel diversi xogholjijet fid-dar matrimonjali kif elenkati fis-sottomissjonijiet tieghu[81] u qed jippretendi li jekk l-attrici tigi assenjata d-dar matrimonjali ghandu jigi kkumpensat ghal dawn l-ispejjes, Jammetti ukoll li ma kienx f'posizzjoni li jipproduci l-ircevuti relativi tal-ispejjes li ghamel u jsostmi li dan kien minhabba li kienet zammithom l-attrici.

Qabel iz-zwieg tghid li l-konvenut tella' l-kmamar u kien hemm l-intiza li jahdem fil-post kull nhar ta' Sibt, izda ma sar xejn minn dan.

Kien bena parti mill-kcina, tella' toilet u shower. Wara z-zwieg baqa' tiela' sat-tieni sular u bena kamra ohra fuq il-bejt. Sa certu punt fuq dawn ix-xogholijiet hemm qbil bejn il-partijiet.

Ghandu jigi rilevat li l-Qorti kienet ordnat l-izgumbrament tal-konvenut mid-dar matrimonjali u dan minhabba li effettivament "***tinstab fi stat***

[81] Ara pagna 20 u 21 tas-sottomissjoniiet tal-konvenut.

***manifestament taht il-livell tal-htigijiet bazici tal-bniedem irrispettivament ukoll mill-kundizzjoni tal-attrici."***

L-iskuza tal-konvenut li l-attrici tridu jigi zgumbrat kienet minhabba li riedet taghmel *make-over* fil-fond u l-istess Qorti li ordnat l-izgumbrament irrilevat li "**tara ammissjoni da parti tal-konvenut illi d-dar matrimonjali jehtieglha "make-over"**", izda fil-fehma taghha l-konvenut jibqa' passiv u ghalhekk ma hemmx cans li ser jirranga d-dar matrimonjali u certament ser ihalliha fi stat deplorevoli.

Considerando li l-konvenut huwa hati tas-separazzjoni ghar-ragunijiet pjuttost gravi u kien jippreferi jhalli lil martu u lil uliedu jghixu f'kundizzjoni mizerabbli u mhux dehen ta' bniedem uman, ma jibqax lok sabiex il-pretensjoni tal-konvenut sabiex jigi kkumpensat ghall-benefikati li sa fejn hemm qbil fuqhom, ghamel fil-post, tigi akkolta. Ghalhekk din it-talba tieghu qed tigi respinta.

Fl-ahhar lok, il-Qorti tosserva illi kawza bhal din qatt m'ghandha dduma tlettax-il sena biex tinstema', tigi trattata u deciza. Id-dewmien fil-kawzi huwa ta' detriment ghall-partijiet, izda hafna aktar ghall-ulied, anke jekk dawn huma diga' maggorenni, bhal ma kien f'dan il-kaz. Il-familja illi tghaddi minn trawma ta' separazzjoni ghandha tfittex illi taghlaq dan il-kapitlu fl-iqsar zmien possibbli. F'dan il-kaz, mix-xhieda prodotta, l-attrici u uliedha kienu soggetti ghal terturi shah mill-konvenut, li naqas milli jaghraf li l-imgieba u l-fehemiet tieghu kienu ta' hsara konsiderevoli ghall-membri l-ohra tal-familja tieghu.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tordna s-separazzjoni bejn il-konjugi C, u dan minhabba eccessi u ingurji gravi u dan mill-25 ta’ Gunju, 2005.

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici.

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici *in parte* u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ €350 fix-xahar, liema ammont ghandu jitnaqqas mill-paga tal-konvenut jew mill-pensjoni u b’dan l-arrangjament ghandu jigi nnotifikat jew l-*employer* tal-konvenut, jew id-Dipartiment ikkoncernat.

4. Tichad ir-raba’ talba attrici.

5. Tilqa’ l-hames talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwsiti kif hemm deciz fl-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti.”

6. Tilqa’ s-sitt talba attrici u tordna li jigu assenjati l-oggetti kif hemm indikat u deciz fl-intestatura “Oggetti Parafernali.”

7. Tilqa’ s-seba’ talba attrici u tordna li l-attrici tokkupa esklussivament id-dar matrimonjali.

8. Tilqa’ t-tmien talba attrici.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Onor, Imhallef Dr. Anthony J. Vella**

**Cettina Gauci – DEP REG**